IR-RABA' KTIEB DIĊEMBRU
TAS-SEBGHA U GHOXRIN SENA 1951

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-EDITUR—Il-"Għaqda" Tagħna u ż-Żgħażagħ Faċċ. 97
DR. ĠUŻE' GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H.—Il-Kultura ,, 99
ĠUŻE' AGIUS BONELLO—*Alla fil-Holqien* ,, 103
ĠUŻE' ELLUL-MERCER, M.L.A.—Is-Sena u l-Bniedem ,, 104
VIC APAP—Li Tiżra' Taħsad ,, 105
ĠUŻE' GATT—Tixwixa fuq Bastiment Kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni ,, 110
VINCENT CARUANA—*Żewġ Friefet* ,, 116
ĠUŻE' BORG—*Iċ-Ċagħka* ,, 118
C. GAUCI—*Warda Midbiela* ,, 119
ALBERT M. CASSOLA—It-Tfajla tas-Sulfarini ,, 120
MAY BUTCHER—*Hymn to the Heroes of Malta* ,, 123
REĊENSJONIJIET ,, 124
WERREJ TAS-SENA 1951 ,, 127
SUPPLIMENT:
ĠINO MUSCAT-AZZOPARDI—Huwa ,, I-XII

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — DIĊEMBRU 1951

# Il-"Għaqda" Tagħna u ż-Żgħażagħ

*KULL min għandu għal qalbu xi kawża u jixtieq iġibha 'l quddiem, dejjem jara kif iħajjar iż-żgħażagħ jinteressaw ruħhom fiha, u bir-raġun, għax iż-żgħażagħ b'dik il-ħrara u l-ħeġġa ħarkiena tagħhom, jistgħu jagħmlu ġid ba tarf u jsaħħu kull moviment li jidħlu għalih. Iż-żgħażagħ igħixu aktar bl-ideal milli jgħixu l-kbar, u l-ideal hu qawwa li tirbaħ u tfarrak kull għawġ u xkiel. Fil-waqt li l-kbar joqogħdu jaħsbuha għal darba tnejn, iż-żgħażagħ jinxteħtu bla sabar għat-taqbida kontra l-għira u l-mibegħda u l-bruda; b'dik il-qalb ġeneruża tagħhom huma jidħlu bil-ferħ u bla tkewtil għal xogħlijiet ebsin, u jibqgħu jirsistu sakemm iwettqu l-ħsieb ta' moħħom.*

*Mhux ta' b'xejn li l-mexxejja ta' l-Istati Totalitarji, u issa kważi ta' kull pajjiż, qegħdin jagħmlu minn kollox biex jiġbdu ż-żgħażagħ għal warajhom, għax iż-żgħażagħ huma wkoll iż-żerriegħa tal-ħajja ġejjiena. Meta l-kbar jintemmu jew ma jibqgħux jifilħu aktar, il-ħidma tagħhom tintefa jekk ma jkunx hemm ta' warajhom li jħabirku u jrewħu ħalli jżommu l-fjamma dejjem tħeġġeġ.*

*Il-lum iż-żgħażagħ qegħdin juru x'jiswew billi jieħdu interess dejjem akbar fil-ħajja soċjali ta' pajjiżhom, issibhom imdaħħlin f'kumitati u f'għaqdiet politiċi, kulturali, artistiċi u soċjali; u huma ma jieħdux sehem f'dawn il-għaqdiet biex jidhru bħala msieħbin biss, iżda biex iwettqu l-ħidma tagħhom bieżla u fejjieda. Difatti naraw ħafna żgħażagħ jieħdu parti attiva f'kull tqanqila għall-ġid u għall-progress tan-nazzjon, u l-parti li jieħdu hi dejjem parti ħawtiela, mimlija ħeġġa u ħrara.*

*Din il-ħidma taż-żgħażagħ fil-ħajja soċjali hi rahan ta' risq u ta' ġid għaż-żmien li ġej, għax b'din il-ħidma tagħhom huma jidraw minn kmieni jmiddu għonqhom għal dak li pajjiżhom jitlob minnhom, u barra dan huma jakkwistaw ukoll esperjenza li 'l quddiem tkun ta' ġid mhux biss lilhom iżda wkoll lil art twelidhom.*

*Għalhekk aħna ma nistgħux ma nifirħux meta naraw kemm iż-żgħażagħ għandhom għal qalbhom din il-"Għaqda" tagħna. Minn mindu twaqqfet, il-"Għaqda" kellha l-appoġġ ta' żgħażagħ bil-għaqal li minn kmieni ntebħu kemm hu ta' siwi l-iskop li għalih twaqqaf dan il-korp letterarju. Il-fundaturi tal-"Għaqda" dejjem għażżew u dejjem fittxew li jagħtu parir għall-ġid liż-żgħażagħ, li jmexxuhom lejn is-sewwa u lejn l-irġulija, u li jgħallmuhom il-ġmiel u l-benna ta' l-ilsien tagħna. Aħna nħossuna mhux ftit kburin li waħda mill-għaqdiet taż-żgħażagħ intelliġenti, il-"Għaqda tal-Malti" ta' l-Università, ixxettlet u kibret għad-dell tal-"Għaqda" tagħna.*

*Ma' tul il-ħajja tagħha, il-"Għaqda" tagħna sabet għajnuna kbira minn xirkiet u għaqdiet oħra li twaqqfu biex igħinuha jew biex jaħdmu magħha id f'id. Ix-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti", "Il-Għaqda tal-Malti" (Dockyard)", "Il-Kunsill Ċentrali tal-Malti", "Il-Qawmien Malti", il-"Moviment tal-Malti", kollha twaqqfu biex jingħaqdu magħna fil-ħidma tagħna għall-ġid ta' Malta u ta' lsienha. Dawn ix-xirkiet aktarx kollha kienu mwaqqfin minn żgħażagħ mixgħulin bil-ħeġġa u l-ħrara. Il-lum xi wħud minn dawn ix-xirkiet spiċċaw, imma aħna għad baqgħelna l-konfort tal-għajnuna li kienu taw lil, u tal-qima li kienu wrew lejn, il-"Għaqda" tagħna*

*Issa xi żgħażagħ waqqfu għaqda oħra, il-"Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ". Bħalma huma fissru, il-kelma żgħażagħ f'din il-għaqda ma tfissirx żgħar fis-snin, iżda tfisser kittieba, kbar u żgħar, li ma tantx ilhom jiktbu għall-istampa. Il-fundaturi ta' din il-għaqda ġdida huma żgħażagħ li għandhom qalbhom tħeġġeġ bin-nar ta' l-imħabba għal ilsien art twelidhom, u milli jidher biħsiebhom jissoktaw dejjem iżjed igħollu l-ġieħ ta' pajjiżhom; xi wħud minnhom nafuhom bħala kittieba tajbin u ġie li ippubblikajna f'dan il-Qari xi xogħlijiet tagħhom. Nies bħal dawn aħna ngħożżuhom u nagħmlulhom il-qalb, għax nafu li b'daqshekk inkunu mmexxu 'l quddiem il-missjoni għażiża tagħna.*

# IL KULTURA

*Ta'* Ġużè' Galea

DARBA kien hemm xi ħadd li kiteb li l-kultura hi ħaġa li ħolquha l-elite tas-soċjetà biex jinqdew biha ħalli jidhru aħjar minn nies oħra, iżda l-fatt hu li l-kultura tnissel l-elite tas-soċjetà, għax il-bniedem imżejjen bil-kultura jingħażel minn oħrajn li ma għandhomx dan id-don. Il-kultura ma titqiesx mal-għana tal-bniedem, ma tistax tinxtara, tintrebaħ jew tintiret, iżda hi l-frott ta' tagħlim, ħsieb u rieda sħiħa, u bir-raġun kollu bniedem ta' kultura jinżamm bħala aħjar, aqwa u ogħla minn oħrajn li ma humiex għanja b'dan id-don. Dan jiġri f'kull soċjetà ċivili fejn is-sabiħ hu magħruf, il-għerf hu mweġġeh u t-tajjeb hu miqjum.

Kull poplu jidher lura jew 'il quddiem fix-xirka tal-bnedmin skond l-imġiba tiegħu u l-imġiba ma hix ħlief l-espressjoni tal-kultura; fejn din tkun nieqsa, l-imġiba tkun difettuża. Jista' bniedem ikun jaf imur man-nies, għandu mnejn ikun jaf jitkellem, forsi jkollu ġibda għall-arti, imma b'dan biss ma jistax wieħed jingħadd bħala kolt, għax il-kultura tolqot ix-xejriet, il-ġibdiet, il-fehmiet kollha tal-bniedem u tagħtih sura ta' ħajja li tirrendih differenti minn nies oħra għafsin u bla tagħlim. Ma jistax wieħed jingħadd ta' kolt jekk ma jġibx ruħu ta' kolt fir-relazzjonijiet u fl-espressjonijiet kollha tal-ħajja tiegħu. T.S. Eliot fil-ktieb tiegħu "*Notes Towards the Definition of Culture*" kiteb : "Culture is a way of life; it is what makes life worth living"; u dana hu ta' l-akbar importanza meta wieħed jikkunsidra xi

Kieku fid-dinja ma kienx hawn xi ħaġa li tirrendi l-ħajja sabiħa, jew kif qal Eliot "worth living", kieku konna ngħixu iddisprati. Issib min igħix għall-flus, tara oħrajn ifittxu unuri fiergħa, hawn min iħabrek għal qawwa u kburija; iżda b'dawn biss il-bniedem ma jgħixx kuntent u għalkemm iħoss soddisfazzjon meta jiksibhom, qalbu ma tistriehx iżda tissokta tagħnef u tixxennaq u tikleb għal akkwisti akbar u aħjar. Din hi r-raġuni li l-lum fid-dinja ma hawnx dik il-hena u l-paċi u l-annuna li jitnisslu biss mill-imġiba tajba tal-bnedmin. Għidna li l-kultura ssawwar l-imġiba tal-bniedem u kieku l-imġiba tan-nazzjonijiet kienet mibnija fuq sisien ta' kultura, kieku kienu igħibu minn wiċċ id-dinja l-azzjonijiet ħżiena, il-għira, il-mibegħda ta' bejn il-popli u flokhom kienu aktar isaltnu sentimenti umanitarji.

Kieku l-Gvernijiet ikunu mqanqlin minn sentimenti kulturali, bosta mill-għawġ u mill-għelt li hawn fid-dinja kienu jgħibu : jekk il-ġnus fir-relazzjonijiet internazzjonali jkunu mqanqlin minn sens ġust huma aktar jistgħu jiftiehmu bejniethom, għax kull min hu kolt jagħraf dak li hu ġust u jimxi skond il-ħaqq; għalhekk il-kultura għandha s-siwi materjali tagħha wkoll għax hi trieġi għall-ħaqq u għas-sewwa u permezz tagħha neħilsu minn ħafna taħwid u taħbit li qegħdin iżommu d-dinja fl-inkwiet u ma jħallux in-nazzjonijiet jiżviluppaw il-ġid u l-barka ta' pajjiżhom ħalli jkattru l-kumditajiet u l-progressi tal-popli tagħhom.
Din il-ħtieġa ta' ftehim bejn il-ġnus kienet tinħass minn dejjem iżda wisq u wisq aktar f'dawn iż-żminijet li aħna għaddejjin minnhom. Aħna ninsabu mġarrbin : kemm tbatijiet, kemm qilla, kemm ħerba, kemm għaks għaddejna minnhom ħtija ta' għira u mibegħda u nuqqas ta' ftehim fost il-ġnus; u b'danakollu għadna fil-biża' li dawk l-orruri għad jixegħlu u jaqbdu aqwa u eħrex minn qabel u sakemm il-gvernijiet jibqgħu jġibu ruħhom bejniethom bla ebda rigward ta' rġulija, jibqa' dan il-biża' li jaħbtu għal xulxin u jħarbtu u jeqirdu wieħed lill-ieħor.
Is-soċjetà l-lum teħtieġ l-ewwel u fuq kollox li jitjiebu u jitbeġġlu u jintroqmu l-imġibiet u d-drawwiet tal-bnedmin; dan biss jista' jsir permezz ta' tixrid ta' kultura. S'issa n-nazzjonijiet jipprovaw mezzi biex jiksbu qawwa, saħħa u eġemonija, iżda b'danakollu rajna li dawn ma ġebux magħhom risq u kuntentizza fost in-nies, għall-kuntrarju kienu ħtija ta' għelt, gwerer u tixrid ta' demm. Ippruvajna nibnu l-progress tas-soċjetà fuq il-qawwa brutali u ma kellniex ħlief kaos; nibdew, mela, sistema oħra : naraw il-kultura, li tnissel sensi umanitarji fil-bniedem, tkunx kapaċi ġġib fost il-popli dik il-fiduċja li huma jmisshom ikollhom bħala aħwa u bħala ħolqien raġunevoli.
Imma barra l-konsiderazzjonijiet materjali hemm raġunijiet oħra għax imissna nikkultivaw il-kultura : hemm raġunijiet spiritwali jeħtieġ għajxien materjali u spiritwali; il-għajxien spiritwali jeħtieġ għajxien materjali u spiritwai; il-għajxien spiritwali hu marbut ma' sens ta' ġmiel u ta' għerf li jpaxxu l-moħħ u jgħollu l-ħsieb. L-iskop ewlieni tal-kultura hu li tirraffina l-kapaċità mentali biex wieħed ikun jista' jagħraf u jgawdi aħjar l-egħġubijiet li Alla ħalaq biex nitgħaxxqu bihom. Aħna ngħidu li l-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss : wieħed jeħtieġlu joftor u jaħseb biex jgħix bħala bniedem u jkun jista' jħaddem idejh u

moħħu. Jiena nifhem li l-bniedem għaref aktar iħoss soddisfazzjon bil-ħidma ta' l-intellett minn ħidmiet oħra.

Meta wieħed jidra jirraġuni u jgħarbel it-tajjeb mill-ħażin, għandu jintebah bi ġmiel u b'armonija li jfawrulu qalbu bil-hena, għax il-ġmiel hu qawwa tal-ħolqien li tqanqal il-qalb u tnissel ħlewwa u faraġ. Il-ġmiel u s-sewwa, għandhom effett misterjuż fuq ir-ruħ; wieħed jista' jkollu idea tagħhom jekk ikun kolt biżżejjed, iżda qatt ma jista' jfissirhom materjalment għax dawn huma turijiet li jagħrafhom il-moħħ u tħosshom il-qalb : wieħed jista' jikkonoxxihom bl-ispirtu tiegħu, iżda qatt ma jirnexxilu jsawwarhom bis-sensi tiegħu.

Meta bniedem jitgħallem u jakkwista **kultura, il-fond psikoloġiku** tiegħu jimtela b'idejiet u b'fehmiet li jħaddnu univers ġdid, univers ta' għaxqa fejn wieħed jistgħall aħjar il-ġmiel, is-sewwa, il-ħaqq u dawn id-doni kollha li jgħollu l-bniedem fuq ħlejqiet oħra jieħdu għamla u sura li jagħarfuhom biss dawk li huma mogħnija bid-don tal-għerf u dawk li **għandhom għajnej**hom miftuħin għad-dawl soprannaturali.

Għax fl-aħħar mill-aħħar il-ġmiel u s-sewwa huma fina nfusna mwaħħdin ma' l-ispirtu tagħna, u s-sensazzjoni, it-tagħrif u l-kawża tagħhom huma tliet mezzi biex dawk iż-żewġ qawwiet spiritwali jwettqu saħħithom. Għalhekk min irid iġarrab is-sabiħ u s-sewwa għandu jfittixhom ġewwa fih innifsu u jagħmel din ittiftixa billi jhejji ruħu kif imiss bil-għajnuna tal-kultura; mingħajr din il-għajnuna għalxejn wieħed ħabrek biex jifhem jew jieħu idea ta' ġmiel il-ħolqien. Pitagora, Platone u Dante tħabtu u studjaw biex jagħtu tifsira ta' ġmiel. Dante deherlu illi l-ġmiel hu "unità nella verità", iżda l-"unità" ma hix marbuta ma' loġġett iżda hi soġġettiva u intellettwali, jiġifieri għalkemm ħaġa tkun sabiħa mhux kulħadd jista' jintebah bil-ġmiel tagħha, iżda jistgħu jintebhu biss dawk li huma magħżulin fost l-oħrajn, jew "uniċi" għax huma mogħnija bil-kultura.

Il-ġmiel u s-sbuħija jinsabu f'bosta ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja tagħna : aħna nitkellmu fuq xbihat sbieħ, fuq il-ġmiel tal-ħolqien, fuq il-għaxqa ta' l-arti, imma mingħajr il-kultura qatt ma naslu biex nifhmu sewwa x'ifissru u narawhom bil-għajnejn tar-ruħ; u hekk ħafna nies li ma humiex kolti jgħaddu ħajjithom bla ma jithennu bil-ġmiel tal-ħolqien u bla ma jġarrbu dik is-soddisfazzjon li tinħass minn sentimenti spiritwali.

Imma s'issa tkellimna dwar l-effett tal-kultura fuq l-individwu, iżda l-kultura tisfa' ta' ġid mhux lil bniedem waħdu iżda lil pajjiż kollu. F'dik in-nazzjon fejn hemm mezzi għat-tixrid tal-kultura l-livell intellettwali jogħla u n-nies bħala popolazzjoni jingħażlu minn oħrajn li għadhom lura u neqsin mit-tagħlim; fil-pajjiżi kolti s-sentimenti huma aktar nobbli, l-imħabba, il-ħniena aktar mogħġuba; f'dawn il-pajjiżi ssib inqas għelt u ħażen għax in-nies aktar jafu x'inhuma dmirijiethom bħala aħwa u bħala ċittadini. F'pajjiżi fejn hi mxerrda l-kultura tista' tiltaqa' mat-tajjeb u mal-ħażin għax dawn jinsabu kullimkien imqar fl-aħjar kulleġġi, iżda f'dawk il-pajjiżi aktarx wieħed ma jarax eċ-ċessi ta' qilla, ta' ħell u ta' diżordni; għall-kuntrarju hu magħruf li l-qtil, is-serq u l-qerq bl-oħxon jaħkmu fejn in-nies għadhom lura u neqsin mid-dawl tar-ruħ u minn sentimenti sbieħ.

Billi taħt l-influwenza tal-kultura n-nies aktar jifhmu dak li hu ġust u sewwa, dawk il-pajjiżi li jikkultivaw l-istituzzjoni kulturali ssibhom mogħnija b'ħaqq ġust u bil-paċi fost il-poplu, hekk iċ-ċittadini huma mħarsin u jgħixu fil-kwiet u għalhekk ikollhom aktar żmien u ħajra biex jagħtu' ruħhom għax-xogħol u għat-tkattir tal-produzzjoni. Din hi r-raġuni li pajjiżi fejn il-livell tal-kultura hu għoli aktarx ma ssibhom neqsin minn xejn u għandhom ekonomija nazzjonali soda.

Rajna kemm tiswa l-kultura fil-ħajja materjali u spiritwali tal-bniedem, tal-pajjiż u tal-ġnus. Kif nistgħu ma nħabirkux biex ngħinu u nġibu 'l quddiem dak kollu li jista' jkattar il-kultura tan-nazzjon? Organizzazzjonijiet, Istituti u Għaqdiet li twaqqfu biex ixerrdu l-kultura jistħoqqilhom kull tifħir u inkuraġġiment; l-opra tagħhom ma titqiesx skond is-suċċessi li jidhru biss. Dawn il-għaqdiet li għandhom bħala skop it-tixrid ta' kultura qegħdin iwettqu ħidma fejjieda u ta' siwi kbir; l-effetti tagħhom ħafna drabi ma jidhrux għax bħalma għidna huma ma jfittxux suċċessi għall-għajnejn, iżda b'danakollu ħadd ma jista' jqis kemm hu kbir il-ġid li qegħdin jagħmlu fost il-poplu. Bil-mod u bil-għaqal, bla ħafna għaġeb u bis-sabar, dawn il-għaqdiet qegħdin jaħdmu biex jorqmu r-razza, biex jiftħu għajnejn in-nies, biex jeqirdu l-ġibdiet u d-drawwiet il-ħżiena, biex iwarrbu dawk in-nuqqasijiet li jċekknu lil min għadu lura. U meta r-razza tissaffa, tintroqom u tiżżejjen; tissaħħaħ, titqawwa u tintrefa', allura togħla fuq l-oħrajn, tikseb ġieh u tgħix hienja u fil-paċi.

# ALLA FIL-ĦOLQIEN

*Ta'* Ġużè' Agius Bonello

Fil-ħemda,
Fis-skiet
T'għar jongħos in-nagħsa ta' toqol l-imwiet,

Sibt ruħi
U bdejt
Inħewden u noħlom bi ħsiebi bla ħdejt.

Taħt ħarsti
Fit-tul
Imewġu bħall-baħar rajt ħbula ta' sbul,

U aktar
Lilħinu
Sarbut dwieli ħodor mal-ħajt rieqda għall-kenn.

Fuq rasi
Mifrux
Kien hemm wiċċ is-sema, li n-nies ma tilħqux,

Imdawwal
Mix-xemx
Li qatt ma tintefa, li m'isbħa ma hemmx.

U jiena
Fil-ħin
Ħassejt ħsiebi jixgħel b'dawl Alla l-Ħanin :

Dak Alla
Li jien
Fittixt drabi oħra u ma stajt nara mkien.

30. VIII. 51.

# IS-SENA U L-BNIEDEM

*Ta'* Ġużè' Ellul-Mercer

Is-sena u l-bniedem ġew biex iħallu lil xulxin—biex jinfirdu.

Is-sena—bla qalb, bla ħniena, bla mogħdrija—dlonk daret fuq il-bniedem u qaltlu :

— Inħossni bla sabar biex, darba għal dejjem inħallik ; biex nagħmel wisa' għal ta' warajja ; biex narġa' mmur mnejn ġejt... Li kelli nagħmel, għamiltu. N'baqagħlek tgħidli jew titlobni, qabel ninfirdu għal dejjem ?

Il-bniedem taħa daqqa ta' għajn bierda; ftakar kemm kienet sqietu mrar u nkejja; ftakar kemm niket kien ġarrab fiha; u b'leħen dgħajjef weġibha :

— Is-sliem għalik, ja sena ! Li kont tifhem ħsiebi jew kliemi, jew li, bħali, kellek qalb li tħoss u moħħ li jaħseb, kont nitolbok tgħid lil ta' warajk biex iġġib ruħha miegħi ftit aħjar milli ġibt int... Iżda, la darba għalik u għal dawk li għad iridu jiġu warajk u għal dawk li ġew qablek, in-niket u l-hemm tiegħi u talbqija ma jfisser xejn; la darba l-uġigħ, il-mard, il-ġuħ u l-bard, il-ħajja u l-mewt għalik ma jfissru xejn ; la darba, għalik, ix-xejn huwa kollox u kollox hu bħallikieku kien xejn; jaqbilli ngħidlek biss : "Is-Sliem !" u jalla t-tifkira tiegħek tintemm bħallikieku qatt ma kienet ! Jalla, meta tkun mort ma tħallix warajk id-dell tiegħek ! B'hekk jibqagħli daqsxejn tal-ħila biex, għallinqas, meta niltaqa' ma' ta' warajk, biex magħha nitqabad u nitlef, bħalma tlift miegħek—jibqagħli saħħa biżżejjed u tama biżżejjed sabiex nerfa' għajnejja 'l fuq u nintebah kemm m'jien xejn, kemm hi dgħajfa l-ħila tiegħi u kemm, jekk nitlef, din it-telfa ma jkollha tifsira għal ħadd, ħlief għalija...

— Mur ! Tbiegħed ! U miegħek ħu u biegħed għal kollox minni, it-tifkira tiegħek !

Iżda s-sena, bla moħħ u bla qalb, kienet tbiegħdet u marret u ntilfet u ġiet fix-xejn, qabel ma l-bniedem kien temm l-ilment tiegħu u ntebah li kien waħdu. Kienet għebet mingħajr ebda ħoss — u żiffa kiesħa, donnha daħka kbira ta' tmelliħ f'nofs id-dalma tal-lejl, nebbhet lill-bniedem li kien jeħtieġlu jerġa' jxammar u mill-ġdid iħejji ruħu għat-taqbida; għaliex ta' warajha kienet daħlet, kienet resqet, kienet miegħu.

# LI TIŻRA' TAĦSAD

*Ta'* Vic Apap

"IMXI miegħi... Imxi miegħi, qed ngħidlek!", beda jgħajjat Wenzu waqt li karkar lil ibnu minn dr.egħu u telaq jiġri bih lejn il-għolja fejn it-tifel kien qallu li ġie msawwat minn wieħed ikbar minn.

"Le, pà, ħallini hawn id-dar, għax jerġa' jsawwatni", kien qed igħid Toni fost l-ilfiq. "Dak ikbar minni, ma nagħmel xejn miegħu".

"Int ġifa, ibni, għalhekk isawtuk. Jien irridek titla' raġel ma tibża' minn ħadd, lanqas jekk ikun hemm min hu daqsek darbtejn".

U hekk, fost il-biki ta' Toni u l-għajat u d-dagħa ta' Wenzu, it-tnejn waslu fuq il-għolja ta' barra Ħal Warda fejn ftit qabel Toni kien qala' daqqtejn sewwa mingħand Ġużepp, tifel b'saħħtu u ma jibża' minn ebda tifel ieħor tar-raħal.

Malli raw lil Toni ma' missieru, it-tfal kienu sa jitilqu jiġru, imma Wenzu waqqafhom b'leħen ta' qilla.

"Ieqfu hemm għedtilkom għax niftaħ in-nar fuqkom", heddidhom Wenzu.

It-tfal qabdithom rogħda f'riġlejhom u ma felħux jiġru.

"Ersqu 'l hawn", sejjaħ Wenzu lit-tfal. Ilkoll imxew lejh qishom ħrief. "Min minnkom sawwat lil Toni tiegħi?" staqsiehom bl-aħrax.

"Mhux jien', wieġbu mbikkija t-tfal barra minn wieħed.

— "Jiena ma rridx naf min ma sawtux lil Toni, imma min sawtu", raġa' ried jaf.

Ġużepp intrass minn qaddu, ta passejn 'il quddiem lejn Wenzu u qallu: "Kellna xi ngħidu jien u hu u ġejna fl-idejn".

"Dak li ridt naf minn għandek", qal Wenzu.

It-tfal l-oħra kienu sa jaqbdu n-niżla jiġru x'ħin leħen Wenzu raġa' ħasadhom.

"Min bagħatkom? Ersqu 'l hawn; m'għandkomx għaliex tibżgħu. M'jien sa mmiss lil ħadd minnkom". Imbagħad dar fuq Ġużepp u qallu: "Agħtih daqqtejn oħra lil Toni".

Ġużepp hawnhekk bħal baża' u ma tħarrekx.

"Agħtih daqqtejn għedtlek, jew ma smajtx?"

Ġużepp qaleb għajnejh lejn Wenzu biex jara fehemx sewwa x'ried minnu. Toni trekken wara dahar missieru.

"Itlaq minn warajja, ja ġifa", għajru Wenzu. "Mul ilqa' d-daqqiet biex biż-żmien titgħallem tagħti int ukoll... Jekk tiflaħ, xejjer xi daqqtejn ukoll".

"Ma niflaħx għalih, pà", temtem Toni mimli bil-biża'. "Dak saħansitra 'l missieru jsawwat".

Għal dal-kliem Ġużepp sibel, xammar malajr il-kmiem talqmis, għaqqad il-ponnijiet u stieden lil Toni għall-ġlied: "Ersaq 'l hawn biex nurik lil min insawwat jien!"

Wenzu heżheż lil ibnu minn spalltu u waddbu quddiem Ġużepp. "Mur, ġifa, la stiednek għall-ġlied".

"Le, pà, ma rridx", laħaq għajjat Toni, imma Ġużepp kien diġà resaq fuqu u xejjirlu erba' daqqiet ta' ponn fuq wiċċu u moħħu. Toni ra kollox idur bih u stabat għaxi ma' l-art, filwaqt li beda jnixxilu d-demm minn imnieħru u ħnieku.

"Daqshekk biżżejjed", qal Wenzu minn taħt l-ilsien lil Ġużepp. "Issa tista' tmur".

Ġużepp kien qabad iniżżel il-kmiem tal-qmis u sa jitwarrab minn hemm ma' ħbiebu meta Wenzu, donnu jrid jarmi n-nar minn għajnejh, qallu: "Il-lum kont int li għelibt lil ibni u ħriġtlu d-demm, iżda jien irrid ngħallmu jkun aqwa minnek biex xi darba jonxrok hu ma' l-art daqs biċċa ċarruta mxarrba. Itlaq issa!"

Telaq Ġużepp bla ma ħabbel rasu xejn b'dak li kien għadu kemm qallu Wenzu għaliex kien jaf li Toni ma jasal qatt biex ilaħħaq miegħu fil-ġlied. Sħabu qabdu jtaptpulu fuq dahru biex jonfħuh u jagħmlu l-arja bih.

Wenzu ġabar lil Toni għaxi mill-art u baqa' sejjer id-dar bih. Huwa xtaq jagħmel minn kollox biex jara lil ibnu b'saħħtu u ma jibża' minn ħadd; ried kieku jrabbi fih dgħif u għadam qawwijin daqs l-azzar biex ikunu n-nies li jibżgħu minnu u mhux hu min-nies. Iżda Toni kien tifel xipli, għadmu kien bħal tal-bċieċen, qalbu kienet daqs ta' ħaruf. Kollu ta' xejn kien kliem missieru mimli ħruxija u qilla fuq ġlied u swat u tixrid ta' demm; it-tifel kien jitkexkex meta jisma' fuq hekk. Kollox kien fix-xejn: wara t-taħriġ għall-ġlied li missieru kien beda jagħtih ta' kull fil-għaxija, Toni kien jimtedd jorqod mifluġ u miġugħ, bla ma sata' jżid fis-saħħa ta' dirgħajh jew fil-qawwa ta' ġismu. Kollox kien bil-maqlub. Minn jum għal ieħor, Toni

kien qiegħed iħoss saħħtu tonqoslu; f'sidru kellu għoqla li bil-kemm kienet waqtiet tħallih jieħu nifs sħiħ.

Ġużepp, mill-banda l-oħra, kien rabba l-arja meta ra li missier Toni ma kien għamillu xejn. U kull darba li kien jara lil Toni kien igħidlu, biex iżebilħu: "Meta sa jgħallmek missierek biex tagħlibni fil-ġlied?" U mhux darba u tnejn li Ġużepp ta xi xebgħa lil Toni għal xejn b'xejn biex aktar ibeżżgħu minnu. Imma Toni qatt iżjed ma semma xejn lil missieru.

F'qalb Toni kienet qiegħda titrabba mibegħda kbira għal Ġużepp. Huwa kien jixtieq kieku jirbaħlu, imma fl-istess waqt kien jaf li ma jasal qatt biex ilaħħaq ma' Ġużepp, aktar u aktar issa li beda jħoss saħħtu kulma tmur tonqsu dejjem iżjed bid-daqqiet ta' missieru. Biex jeħles minn dan is-swat, madankollu, kien irid l-ewwelnett jegħleb lil Ġużepp. B'hekk biss missieru kien iqis li ibnu laħaq raġel. Imma x'jagħmel?

Darba Toni staqsa lil missieru: "Pà, ma nistax ngħix ta' ħabib ma' ħaddieħor u lil Ġużepp ma nfittxux?"

"Jekk ma tfittxux int, ifittxek hu la jaf li hu aqwa minnek. Fid-dinja ma tista' tgħix ħabib ma' ħadd, ibni, għaliex kulħadd jittanta jgħallfek biex ikun aħjar minnek. Fil-ħajja, ifhimha tajjeb, jew tagħti, jew taqla'... Mela aħjar titgħallem tagħti milli toqgħod taqla'; aħjar rebbieħ milli mirbuħ." U b'dal-kliem Wenzu kien jaħseb li qiegħed jirraġuna ta' wieħed għaref billi hu minn dejjem hekk għamel. Din kienet il-massma tiegħu ma' kulħadd, saħansitra ma' martu li qeridha ħesrem meta Toni kien għadu tarbija ta' tliet xhur.

Mhux għaġeb li ibnu kien dgħajjef minn saħħtu: kien ilu jbati minn qabel ma ra d-dawl tax-xemx; trabba f'idejn barranin li ftit ħassew għalih billi ma kienx demmhom, u malli telaq jiġri, missieru ġabru fid-dar igħix għal rasu u jlaqqat milli jsib mingħajr qatt ma daq dik il-ħlewwa u l-għożża li taf tagħti l-omm lil uliedha. Barra minn hekk, demmu kien kulma jmur jitħassar bil-qtajja' u s-swat aħrax li jagħtih missieru, għaliex dan minn dejjem stenna li ibnu m'għandu qatt jaħsibha ta' tifel iżda mill-ewwel ta' raġel — anzi ta' raġel li jixtri l-ġlied b'idejh biex, kif kien igħid hu: "ikun il-mazza li tagħti d-daqqiet u mhux l-inkwina li dejjem taqla' fuqha".

Habbel rasu Toni biex jara x'jaqbad jagħmel u jegħleb lil Ġużepp, iżda l-moħħ żgħir tiegħu ma wasalx isib tarf tal-hemm li kien għaddej minnu.

Għodwa waħda mċajpra ta' Settembru kien waħdu d-dar jitbekka xortih, igerrem difrejh u jaħseb f'xi ħaġa li tista' sserraħlu qalbu mill-għadu qalil tiegħu, meta għajnejh waqgħu fuq l-ixkaffa ta' ħdejn is-sodda ta' missieru. Hemmhekk lemaħ il-pistola ta' Wenzu; berraq għajnejh; qalbu ħabbtet imgħaġġel; fuq fommu feġġet tbissima ta' hena. Hares mit-tieqa lejn il-għolja fejn darba Ġużepp kien tah taptipa sewwa quddiem għajnejn missieru. Ra l-mogħoż ta' Ġużepp jirgħu mal-ġnub tal-għolja. Ta daqqa ta' għajn madwaru, donnu biex ikun żgur li mhu qed jarah ħadd; mesaħ idejh mal-qalziet; għolla idu għal fuq l-ixkaffa; qabad il-pistola; xeħetha f'ħobbu; ħareġ mid-dar; kiser għat-triq tal-għolja b'qalbu tħabbat qawwi ġewwa sidru.

Fuq il-għolja deher Ġużepp waħdu jirgħa l-mogħoż u jinbex kelb tal-kaċċa. Meta Toni wasal daqsxejn bgħid minn Ġużepp, qal b'leħen qawwi waqt li ħareġ il-pistola minn ħobbu: "Il-lum ejja megħekni ma' l-art jekk għandeki l-ħila!"

Ġużepp dar lejn Toni; inħasad; sfar; beda jirtogħod; ma sabx x'jaqbad igħid.

"Il-lum ippròva ersaq lejja u ofġorni kif għamiltli kemm-il darba!" issokta Toni.

"Għidli li qiegħed tiċċajta, Ton", temtem Ġużepp x'ħin beda jagħti l-passi lura biex jitbiegħed minn Toni.

"Għalfejn qiegħed tersaq lura u mhux tħebb għalija bħal qabel?" staqsieh Toni bi tbissima ta' tkasbir.

"Ma nerġax immissek iżjed, Ton... Naħliflek fuq ommok li ma nerġax. Nibda naqbeż għalik kontra l-oħrajn kollha...... Emminni, Ton, taf!"

Iżda f'wiċċ Toni ma kenitx tidher ħniena; huwa ma kienx qiegħed jagħti widen ta' kliem Ġużepp. Baqa' riesaq lejh pass pass waqt li l-ieħor kien miexi lura bla ma jaqla' għajnejh minn fuq il-pistola.

F'daqqa waħda Toni għajjat: "Żomm hemm, qiegħed f'xifer l-irdum. Jekk tagħti pass ieħor lura tmur għal isfel. Tersaqx lejja; ibqa' fejn int."

Ġużepp waqaf; ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel. Malajr ġieh ħsieb u qal bil-ħlewwa lil Toni: "Jiena bsart li int ma tridx toqtolni." Imma bil-kemm kien qal dal-kliem li ma ħassx l-art ta' taħtu nieżla bih; iż-żrar beda jitfarfar mill-qiegħa; rasu għelbitu; ħa tixjira fix-xejn; baqa' nieżel mill-għoli ta' l-irdum għal fuq il-blat ta' wara l-oqsma.

Toni baqa' qisu mibluh bil-pistola f'idu ippuntata lejn ix-xejn. Imbagħad ferfer rasu donnu stenbaħ minn nagħsa kerha; daħħal mill-ġdid il-pistola f'ħobbu; qabad in-niżla li wasslitu sad-dar; qiegħed il-pistola fuq l-ixkaffa minn fejn kien ħadha; raġa' mar bil-qiegħda jaħseb u jgerrem difrejh bħalma kien għamel qabel ħareġ mid-dar. Imma f'qalbu ma ħassx il-hena li kien basar sejjer isib.

---

## NIFIRHU MILL-ĠDID

Fil-ħarġa tagħna ta' Ġunju ta' din is-sena konna ħabbarna, b'ferħ kbir f'qalbna, bil-ġieh li kien iżżejjen bih il-President tal-Għaqda tagħna meta ġie magħżul Kavalier Maġisterjali ta' l-Ordni Suvran u Militari ta' San Ġwann.

Il-lum għandna mill-ġdid għax nifirħu lill-istess President tagħna li tala' tarġa oħra, l-ogħla waħda li jista' jilħaq tabib f'pajjiżna, jiġifieri dik ta' Tabib Prinċipali tal-Gvern.

F'isem il-membri akkademiċi u l-imseħbin ta' "Il-Malti" rridu nħallu hawnhekk imniżżel fil-faċċati tar-rivista tagħna l-ferħ sinċier ta' qalbna u nixtiqulu fl-istess ħin ħajja twila biex fiha jkun jista' jissokta fil-ġid li nafu li għamel fl-imgħoddi fid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa b'risq il-poplu tal-Gżejjer tagħna.

---

# Tixwixa fuq Bastiment Kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni

*Ta'* Ġużè' Gatt

FIL-1739, fiż-żmien li f'Malta kien isaltan il-Gran Mastru Despuig, wieħed Spanjol, jismu Duminku Rodriguez, kellu bastiment, "La Vergine del Carmine". Rodrigues, flimkien ma' oħrajn sħabu, ftiehmu li jarmaw dal-bastiment għall-kors, biex, taħt il-Kaptan Ġanninu Luvero, imur ibaħħar għal kontra t-Torok.

Il-biċċa l-kbira tal-kaptani u l-fizzjali l-oħra, aktarx ikollhom sehem sewwa fil-bastiment kursal li fuqu jkunu, u għalhekk iħabirku ħafna biex jinqabdu l-prejjeż. Is-sidien tiegħu, barra milli qalgħu li jinqdew bil-Bandiera ta' l-Ordni, il-Gvern tahom li jistgħu jingaġġaw xi nies minn Malta wkoll.

Lil dawk il-bastimenti li jarmaw, l-Ordni jislifhom kulma jinħtieġu. Sa armi, kanuni u munizzjon tal-gwerra. Biss wieħed irid ikollu lil xi ħadd hawn Malta li jidħol biex jagħmillu tajjeb għat-telf, jew nuqqas, li jista' jiġri. Wara li jispiċċa mill-kors, irodd lura dak kollu li jkun ħa minn għand l-Ordni, waqt li jħallas ta' li ħela biss.

Dari, biex wieħed jitħajjar aktar li jmur għall-kors, malli jinkiteb, jagħtuh xi ħaġa tal-flus, bħala biċċa mill-ħlas li 'l quddiem għad imissu mill-vjaġġ li jagħmel. Iżda b'hekk jintrabat, u ma jistax jerġa' lura mill-kelma li jagħti.

Biex dak li jingaġġa jkollu jwettaq dmiru meta jissejjaħ, kien jindaħal sal-Gvern. Għalhekk, meta l-bastiment "La Vergine del Carmine" tħejja minn kollox u wasal biex jitlaq minn hawn, fis-7 ta' Lulju 1739, inħareġ Bandu. Bih ġie mħabbar li l-Gran Mastru Despuig jordna u jikkmanda, li dawk kollha li nkitbu ma' "La Vergine del Carmine" tal-Kaptan Ġanninu Luvero, fi żmien 24 siegħa, kellhom isibu ruħhom abbord tiegħu, biex miegħu jmorru jagħmlu l-kors in-naħa tal-Lvant u ta' Barberija. Min jonqos minn dan, jeħel 5 snin jaqdef fuq ix-xwieni ta' l-Ordni, bil-katina f'saqajh u bla ħlas, barra milli jkollu jrodd ukoll lura dawk il-flus li jkun ħa b'self.

Għal dawn il-kawżi, il-Gran Mastru ta s-setgħa lill-Imħallfin li jipproċiedu "per auditam" ma' dawk li jaqgħu fl-imsemmija ħtija. Dan ifisser li l-kawża tagħhom issir ta' fuq fuq, billi

l-Qorti taqta' wara li tisma' xi jgħid il-mixli u x-xiehda biss, bla ebda ndaħil ta' avukati xejn.

Il-bastimenti li jarmaw għall-kors, iġibu għadd sewwa ta' nies fuqhom, biex, meta jaħbtu għal dawk tat-Torok, ikunu jistgħu jlaħħqu magħhom. Bħalikieku, "La Vergine del Carmine" kellha ekwipaġġ ta' madwar 80 ruħ. Oħrajn kellhom aktar. Xi drabi sa qassis ikollhom bħala Kappillan, flimkien ma' xi tabib, jew xi Barberotti — nies imħarrġa fl-isptar, biex iduru bil-morda u bil-midruba, u għalhekk jafu jdewwu.

Dawk li jinkitbu, barra l-ħlas ta' kuljum, jagħtuhom ukoll xi sehem mill-prejjeż li jinqabdu ma' tul il-kors, ħalli b'hekk jagħmlu aktar il-qalb waqt xi kaċċa għal xi bastiment tat-Torok.

Ma għandniex xi ngħidu, dawk li jindaħlu għal dana x-xogħol iebes, kienu jittarrfu li jaqgħu rsiera, barra milli wkoll jistgħu jitilfu ħajjithom waqt xi taqbida. Għax jekk xi drabi tiġihom żewġ, xi darba tista' tisfgħalhom fart, billi, min-naħa l-oħra, l-ibħra, kienu miżgħuda bil-bastimenti Torok armati sewwa għall-kors bħal tagħna. Iżda l-kanunieri (gunners) ta' dawn ma tantx setgħu jlaħħqu mal-Maltin, li kienu magħduda mill-aqwa kanunieri tad-dinja. Fuq hekk, ġie li sibna li l-kursali Alġerini kienu jdaħħlu magħhom sa bumbardieri Ingliżi. B'danakollu, ftit li xejn ma kont issib min ilaħħaq mal-bastimenti kursali Maltin.

Wieħed Franċiż ħalla miktub, fejn qal, li r-rebħ li kienu jagħmlu x-xwieni ta' l-Ordni fuq l-oħrajn tat-Torok, jafuh kollu għall-ħila tal-bumbardieri Maltin.

Xi wħud mill-bastimenti barranin li ħarġu minn hawn bil-Bandiera ta' l-Ordni, wara bidluha, billi bdew ibaħħru taħt bandiera oħra. Dan aktarx għamluh, biex jeħilsu mis-sehem li jmisshom jagħtu, mill-prejjeż li jaqbdu, lill-Ordni, talli jinqdew bil-Bandiera tiegħu. Jekk m'aħniex sejrin żball, il-flus li jidħlu minn hekk, imorru għall-ħtieġa tal-Gran Mastru, imsejħa "Riċetta Maġistrali".

Meta l-Ordni sama' b'dan, malajr ħa ħsieb biex irażżan din id-drawwa, billi għamel pieni ħorox għal min jibda jaqa' f'din il-ħtija.

L-ewwel bastiment li rama għall-kors hawn il-Bandiera ta' l-Ordni, wara li waslet l-aħbar li semmejna, kien jismu "La B.V. del Lauro e S. Pietro Paolo", taħt il-Kaptan Bartilmew Jouffret, imlaqqam "Galan". Għalhekk, lil dan għarrfuh li ma

jistax jibdel il-Bandiera li tawh ma' xi oħra, taħt piena tal-mewt, kemm għalih u kif ukoll għal dawk kollha li jżommu miegħu f'din il-biċċa. Terġa', l-ekwipaġġ kellu s-setgħa, li meta Kaptan jaqa' f'dil-ħtija, mhux biss ma jissuktawx jagħarfuh aktar b'hekk, iżda jarrestawh u marbut iġibuh lejn Malta, waqt li l-bastiment jibqa' jbaħħar taħt l-ewwel Fizzjal ta' l-armament li ma jkunx żamm mal-Kaptan.

Billi fil-port ma kienx hawn bastimenti kursali oħra, għajr dak ta' Jouffret, fit-30 ta' Novembru, 1739, mar abbord tiegħu l-Logutenent tal-Gran Viskont, Ċikku Paulucci. Dan wissa lill-Kaptan, biex kull meta jiltaqa' ma' xi bastiment kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni, kellu jgħarrfu bil-piena li ħareġ il-Gran Mastru għal dawk kollha li jibdlu l-imsemmija Bandiera ma' xi oħra. Terġa', kull twissija li ssir dwar hekk, l-iskrivan għandu jniżżel ukoll fil-ktieb ta' abbord, il-jum, ix-xahar u s-sena, flimkien man-naħa ta' fejn ikun meta jgħarraf lil xi ħadd b'dana l-ordni.

Il-Kaptani ta' "La Vergine del Carmine" u ta' "La Madonna del Lauro" kienu barranin. Ġiebu l-bastimenti tagħhom lejn Malta, għax hawn kienu jsibu kull għajnuna mill-Ordni, biex jarmawhom għall-kors bil-Bandiera tiegħu, waqt li n-nuqqas ta' nies li jkollhom setgħu jimlewh b'oħrajn minn gżiritna.

Madankollu, bastimenti kursali Maltin kellna wkoll. Fiż-żmien li qed insemmu, fost l-oħrajn, insibu armati għall-gwerra (għall-kors) dawn: Tartana bl-isem ta' "La Madonna del Rosario", Kaptan Grabiel Camilleri, mill-Isla, b'ekwipaġġ ta' 108; Pollakka "L'Annunciata", Kaptan Pawlu Spiteri, mill-Belt, b'134 ruħ ta' l-ekwipaġġ; u Xanbekkin "La Madonna del Carmine e San Giuseppe", Kaptan Ġlormu Preziosi, b'ekwipaġġ ta' 97 ruħ.

Minn dan li għedna, jidher li l-bastimenti li semmejna kienu ta' daqs sewwa biex setgħu jiġu armati b'xi kanuni u fuqhom igħixu l-għadd kbir ta' nies li kellhom.

Dawn il-bastimenti ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-flotta tax-xwieni li kellu l-Ordni. Għax dawn kienu jbaħħru għal rashom, u jarma minnhom kull min irid, ladarba wieħed ikollu biex. Ara kemm. Meta bi Gran Mastru ta' Malta laħaq Manwel Pinto, rama għall-kors żewġ Galjotti bi flusu. Għal fuq dawn ma ħatarx Kavalieri b'Kaptani tagħhom, bħalma hekk kienu

# HUWA

——oo——

## LEGGENDA DRAMMATIKA

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

Ħadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion, jew juża xort'oħra din il-biċċa teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieb.

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Ħamrun

## JIEHDU SEHEM:

IL-FIZZJAL — (50)

MARIA HOFFMANN — (65)

MARIE MONNIER — (30)

MARY SMITH — (15)

HUWA — (35)

F'kull Żmien.
F'Raħal fl-Ewropa.

# HUWA

## LEĠĠENDA DRAMMATIKA

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

## IX-XENA:

*Ix-xena tirrapprezenta Uffiċċju Militari f'raħal x'imkien fl-Ewropa: għalhekk ma jidhrux fiha l-bandieri, ir-ritratti u l-*posters *li naraw is-soltu, iżda, flok ix-xenarju, ikun hemm purtieri suwed mat-tliet naħiet tal-palkuxeniku b'dawk tan-nofs jinfetħu sabiex ikunu jistgħu jidħlu jew joħorġu l-persunaġġi.*

*Lejn ix-xellug mejda ta' daqs nofsani b'tapit tal-pannu lewn id-demm tal-baqra fuqha; karti u formoli mxerrdin 'l hinn u 'l hawn fuq il-mejda. In-naħa tal-lemin hemm bank bla dahar u bis-saqajn tal-ħadid. Mal-ħajt tax-xellug mejda ċkejkna b'Kurċifiss x'aktarx imdaqqas fuqha u quddiemu vażett li għad li jleqq bħal fidda mhux tal-fidda, bi ftit fjuri niexfa ġewwa fih.*

*Bħal f'kull* leġġenda, *l-azzjoni drammatika trid tkun akkumpanjata b'mużika lenta ta' mhux inqas minn vjolin u pjanu.*

— S I P A R J U —

*Malli jinfetaħ is-siparju l-FIZZJAL, liebes uniformi militari li ma tistax tgħid ta' liema nazzjon hija, ikun jikteb u jqalleb il-karti fuq il-mejda. Huwa mdaħħal fiż-żmien u għaldaqshekk huwa x'aktarx xebgħan mix-xogħol tiegħu u donnu qiegħed jagħmel kollox bil-fors; leħnu iżda għadu sod u ċar ħafna u għad li n-nies idejquh u jfittex li jeħles minnhom malajr, fl-għemil tiegħu wieħed jara dik il-ħlewwa kollha li żżejjen lil bniedem li jaf jagħder u li jixtieq ikun ta'*

*ġid ma' dawk kollha li d-destin kiefer tal-gwerra ferihom f'qalbhom u fil-morali tagħhom.*
*(Tinstama' taħbita ċkejkna.)*

FIZZJAL : Idħol!

HOFFMANN : (*mara ta' madwar il-65 sena; liebsa libsa sewda li l-lum bdiet titlef il-lewn tagħha. Xagħarha aktar abjad milli iswed; b'xall qastni tas-suf fuq spallejha tidħol min-nofs u tibqa' mistħija ma tafx x'għandha tagħmel, fuq il-bieb.*)

FIZZJAL : Ersaq ...ersaq 'l hawn... X'għandek bżonn?

HOFFMANN : Sinjur... xtaqtek kieku tagħtini xi tagħrif.

FIZZJAL : Għidli... għidli...

HOFFMANN : Xi żmien ilu kienu bagħtuli din il-karta (*tagħtih karta li tkun f'idha*) ...ma nafx kontx bgħatthieli inti... imma qaluli li inti tista' tgħini...

FIZZJAL : (*wara li jkun qara l-karta*) Le... Din il-karta kienu bagħtuhielek minn xi Uffiċċju Militari ieħor mhux minn hawn... Inti Marija Hoffmann?

HOFFMANN : Iva, sinjur...

FIZZJAL : Ġermaniża?

HOFFMANN : Ġermaniża!

FIZZJAL : U f'hix taħseb li jiena nista' naqdik?

HOFFMANN : F'dik il-karta kienu qaluli li ibni Fritz kien jinsab nieqes, li wara ma nafx liema battalja ma jafux aktar x'sar minnu...

FIZZJAL : (*iħares lejn il-karta*) ...iżda dan ilu ħafna...

HOFFMANN : Naf... naf... qatt aktar ma smajt b'aħbaru. L-uniku tifel li kelli, żagħżugħ ibiegħ is-saħħa, il-ġmiel tiegħu (*tixxotta żewġ demgħat*).

FIZZJAL : Wisq nibża' li wara dan iż-żmien kollu...

HOFFMANN : Jiena wkoll ingħid bħalek... wara dan iż-żmien kollu... Kieku Fritz kien għadu ħaj ma kienx iħallini mingħajr aħbarijiet tiegħu; hu jaf kemm kont inħobbu. Lilu biss kelli fid-dinja... fl-aħjar ta' żgħożitu...

FIZZJAL : Hawn eluf u eluf ta' ommijiet bħalek li ssagrifikaw lil uliedhom għall-imħabba ta' pajjiżhom!

HOFFMANN : Veru, veru... u li bħali, ma nafux x'inħallsu, biex naraw lil uliedna ġejjin lura...

FIZZJAL : Mita kitiblek l-aħħar?

HOFFMANN : Ma niftakarx. L-ittri tiegħu, ir-ritratt, kulma kelli... kien intradamli, spiċċa fix-xejn, saru trab bħall-imsej-

ken Fritz tiegħi. Tlift kollox minbarra din il-karta li dejjem inżomm fuqi.

FIZZJAL : Biex tissokta ġġedded il-pwieni tiegħek...

HOFFMANN : Le, sinjur ...anki mingħajr din il-biċċa karta l-piena tiegħi ma tmut qatt. Din il-karta tagħtini xaqq ta' dawl... iġġigħalni nittama... nittama dejjem...

FIZZJAL : Jiena ma nixtieqx naqtagħlek qalbek, ma nixtieqx neqridlek din it-tama...

HOFFMANN :Hija biss qiegħda żżommni ħajja : it-tama. Lil ibni ma rawhx imut, ma jafux fiż-żgur li huwa mejjet... *nieqes*, ma deherx aktar. Sata' waqa' priġunier, setgħet ġratlu xi disgrazzja li ma tħalliehx jiġi għandi... u taf inti, sinjur? Sakemm ma tkunx taf li ibnek huwa mejjet, tibqa' tistennieh dejjem, tibqa' tittama li ġurnata għad jiġi lura.

FIZZJAL : U taħseb li jiena nista' ngħinek?

HOFFMANN : Il-bieraħ qaluli li dalgħodu għandu jasal hawn wieħed raġel li ilu ħafna jiġġerra ma' l-Ewropa... wieħed li kien priġunier u ħarab u baqa' jiġri waħdu minn raħal għal ieħor... minn belt għal oħra...

FIZZJAL : Iva. Irċevejt xi tagħrif fuq dan ir-raġel ftit granet ilu, iżda la għadni naf x'jismu, la x'kien, xejn... Għadni ma naf xejn preċiż fuqu.

HOFFMANN : (*bil-ħatfa*) Forsi ibni! Forsi Fritz tiegħi!

FIZZJAL : (*jarfa' spallejh*) J'Alla! Kollox jista' jkun fid-dinja... Imma ma naħsibx li...

HOFFMANN : (*bħal qabel*) Allura ma tħallinix narah? Ma tħallinix inkellmu?

FIZZJAL : Mela le! (*jagħtiha lura l-karta*) Poġġi fuq dak il-bank; mita jasal kellmu u arah kemm trid... poġġi, poġġi...

HOFFMANN : Grazzi! Grazzi, sinjur (*u kollha siekta, tintafa' fuq il-bank, toħroġ kuruna tar-Rużarju u tibqa', weħidha, titlob bil-kemm tinstama'*).

(*Wara ftit tinstama' taħbita oħra.*)

FIZZJAL : Min hemm? Idħol...

MONNIER : (*mara fuq it-30 sena; b'libsa griża sempliċi mill-aktar li turi l-faqar u l-ġabra tagħha*) Sinjur...

FIZZJAL : Għidli!

MONNIER : Sinjur, smajthom igħidu li dalgħodu għandu jasal raġel li ilu nieqes ħafna u li fl-aħħar irnexxielu jiġi lura f'dan ir-raħal; xtaqtek tgħidli jekk dan hux minnu...

FIZZJAL : Għadni kemm kont qiegħed nitkellem fuq dan ir-raġel ma' dik il-mara... (*juriha lil Hoffmann*).

MONNIER : (*wara li tkun tat daqqa ta' għajn lil Hoffmann : lill-Fizzjal*) Allura veru?

FIZZJAL : Veru li għandu jasal dan ir-raġel imma s'issa la għadni naf x'jismu, la naf min huwa u mnejn ġej... Għadni ma naf xejn fuqu. Inti x'jismek?

MONNIER : Marie Monnier, franċiża.

FIZZJAL : Franċiża?

MONNIER : Franċiża ! Jiena kont miżżewġa lill-Inġinier Jacques Monnier. Konna ninħabbu, konna ngħixu għal xulxin, sakemm ġie msejjaħ bil-leva sabiex imur jaqdi dmiru lejn pajjiżu. Tlaqna lil xulxin bid-dmugħ f'għajnejna u b'tama qawwija li nerġgħu naraw lil xulxin fi żmien qasir...

FIZZJAL : Kemm kontu ilkom miżżewġin?

MONNIER : Sena... sena biss ! L-isbaħ sena tal-ħajja tagħna !

FIZZJAL : U qatt ma kitiblek?

MONNIER : Iva; għall-bidu kien jiktibli spiss... Kien igħidli kulma jgħaddi minn għalih, kien jiktibli kollox, sa l-inqas ħaġa ċkejkna... Mita kont naqra l-ittri tiegħu kont inħossni tiegħu, kont inħossu madwari, ħdejja... kont qisni qiegħda ngħix miegħu. Darba waslitli ittra tiegħu fejn qalli : "...il-lejla waqt li inti tkun rieqda aħna nkunu fl-eħrex taqbida : Marie toħlomx !" Kienet l-aħħar ittra tiegħu.

FIZZJAL : Miet f'dik il-battalja?

MONNIER : Ma nafx ! Qatt aktar ma ġie lura...

FIZZJAL : U l-awtoritajiet qatt ma qalulek xejn fuqu?

MONNIER : Iva : qaluli li huwa nieqes, li ħadd ma jaf x'sar minnu. Qaluli, f'kelma waħda, biex nispera, u bqajt nistennieh, nistennieh dejjem... Imsejken Jacques tiegħi ma kellux ħliefi fid-dinja u jien ma kellix ħliefu...

FIZZJAL : Meta kitiblek l-aħħar? Xi kemm għadda żmien minn l-aħħar ittra tiegħu?

MONNIER : Ma niftakarx... ma nafx... fl-ittri ma kienx ikun hemm dati... Iżda ż-żmien x'igħodd? Għalija qisu l-bieraħ ! Igħidu li ż-żmien isabbar, inissi : mhux minnu ! Igħidu li ż-żmien itir, li ma jieqaf qatt : mhux veru !

FIZZJAL : U taħseb li dan ir-raġel li ġej dal-għodu...?

MONNIER : La Jacques mhux mejjet min jista' jgħid li m'huwiex huwa?

HOFFMANN : Ir-raġel tiegħek?

MONNIER : (*lil Hoffmann*) Int ukoll għandek lil xi ħadd mitluf?

HOFFMANN : Lil ibni... lil Fritz tiegħi... ejja, binti, ejja ħdejja nistennew flimkien... ejja...

MONNIER : (*tpoġġi ma' ġenb Hoffmann*) Qalli biex ma noħlomx. Kif nista'?

FIZZJAL : Hawn eluf u eluf ta' nisa bħalek li ssagrifikaw lil żwieġhom għall-imħabba ta' pajjiżhom : Russi, ingliżi, pollakki, taljani, belġjani...

HOFFMANN : Kollha ommijiet xorta waħda...

MONNIER : Kollha jistennew lil Jacques tagħhom jiġi lura...

FIZZJAL : (*jomgħod il-kelma*) Jiġi lura...

(*Wara sikta ċkejkna tinstama' taħbita oħra.*)

IN-NISA : (*f'daqqa*) Wasal?!

FIZZJAL : Idħol...

SMITH : (*Tfajla ta' xi 15-il sena; nadifa u fuq tagħha; liebsa ħafif iżda pulit ħafna*) Bonġornu...

FIZZJAL : X'għandek bżonn, ruħi...?

SMITH : Sinjur, inti, jekk jogħġbok, ikollok miktub l-ismijiet ta' dawk is-suldati li jkunu ntilfu fil-gwerra?

FIZZJAL : Jekk tgħidli fejn u mita, forsi nkun nista' naqdik...

SMITH : Missieri kien mar għall-gwerra u ma ġiex lura...

FIZZJAL : Inti x'jismek?

SMITH : Mary Smith.

FIZZJAL : Ingliża?

SMITH : Iva, ingliża.

FIZZJAL : X'kien jismu missierek? Qatt tawkom aħbarijiet tiegħu?

SMITH : Kien jismu John Smith. Kien inkiteb voluntier u qalulna li wara l-battalja ta' Franza ħadd aktar ma jaf x'sar minnu.

FIZZJAL : Ma qalulkomx hux mejjet jew ħaj? Hux priġunier? Xi ħaġa?

SMITH : Le... Li huwa mitluf... ma jafux żgur jekk huwiex mejjet; issa z-ziju semgħet li għandu jasal suldat li jlu nieqes ħafna u bagħtitni nistaqsi x'jismu dan is-suldat biex inkun naf jekk hux missieri...

FIZZJAL : X'jismu u mnejn hu ġej, u jekk hux suldat jew fizzjal lanqas jien stess għadni ma naf...

SMITH : Imma veru li għandu jiġi hawn?

FIZZJAL : Veru... (*juriha lin-nisa*) ara dawk iż-żewġ nisa qegħdin jistennewh ukoll.

SMITH : (*tħares lejhom*) Missierkom mitluf ukoll?

HOFFMANN : Ibni Fritz, l-uniku tifel li kelli...

MONNIER : Żewġi, ir-raġel tiegħi...

SMITH : Nista' nistennieh jien ukoll?

FIZZJAL : Għaliex le, binti? Inti ma għandekx ħutek akbar minnek?

SMITH : Le... lanqas ommi ma għandi... kienet mietet mita kont għadni tarbija... lil missieri biss għandi mita jerġa' jiġi lura.

HOFFMANN : Ejja, ruħi... ejja ħdejja...

MONNIER : Stenna hawn magħna...

SMITH : (*tpoġġi fuq il-bank f'nofs in-nisa*).

FIZZJAL : Eluf ta' romol... eluf ta' ommijiet... eluf ta' ltiema... il-gwerra (*u mal-kelma gwerra jagħti daqqa ta' ponn ċkejkna fuq il-mejda*) Jacques... Fritz... John... il-gwerra! (*u mal-kelma gwerra jerġa' jagħti daqqa ta' ponn ċkejkna oħra fuq il-mejda; iżda din id-darba wara t-taħbita tiegħu tinstama' taħbita oħra qawwija minn barra.*)

HUWA : (*minn ġewwa*) Nista' nidħol?

FIZZJAL : (*jqum bil-wieqfa*) Huwa!

IT-TLIET NISA : (*jqumu f'daqqa*) Huwa?!?

FIZZJAL : Huwa! (*imur fil-fond fein jinfetħu l-purtieri, jiftaħ waħda minnhom biex jgħaddi HUWA u jwieġeb :*) Idħol! (*Il-Fizzjal joħroġ u ipso facto jidħol :*)

HUWA : (*Raġel ta' statura l-aktar sabiħa; għandu mal-35 sena, jew għiar dik l-età li jista' ikun it-tifel ta' HOFFMANN, ir-raġel ta' MONNIER u missier SMITH. F'rasu għandu steel-helmet li jużaw l-Ingliżi fil-waqt li l-uniformi tiegħu, ta' pannu ikħal-ħadrani skur, hi bħal dik li jużaw il-franċiżi u l-ġermaniżi; ma jistax għalhekk wieħed jaħid ta' liema nazzjonalità huwa. Għandu l-leħja spuntata ħafna u wiċċu ta' sfura li tbażża', mhix sfura ta' bniedem iżda ta' katavru. Jitkellem ċar u sod ħafna iżda leħnu huwa x'aktarx mistiku u misterjuż: iżomm rasu għolja u l-ħarsa tiegħu hija mitlufa fix-xejn. Bla ma jiċċaqlaq, jibqa' wieqaf kważi f'nofs*

*ix-xena. HUWA jagħtik l-impressjoni ta' statwa ħajja, ta' bniedem li ġej minn dinja oħra.)*

IT-TLIET NISA: *(f'daqqa)* Ibni!... Żewġi!... Missieri!... *(u t-tlieta jiġru fuqu, igħannquh, jagħtuh bewsa).*

HUWA: *(biered)* Marija!
*(Kuadru ta' ftit sekondi.)*

HUWA: *(lit-tlieta u lil ebda waħda minnhom)* Kont qiegħda tistennieni?

IT-TLIET NISA: *(f'daqqa)* Iva...

HOFFMANN: Kont inħoss li inti għad trid targa' tiġi lura...

HUWA: U ġejt lura!

MONNIER: Kont naf li inti ma tistax tkun mejjet...

HUWA: Jiena ma mmut qatt! Lili ma jistgħux joqtluni! Nista' għal ftit ma nidherx aktar fostkom, nista' nintesa għal ftit żmien... imma mmut qatt; fix-xejn, għal dejjem, ma nistax nispiċċa...

MONNIER: Għaliex ħallejtni waħdi?

SMITH: Għaliex ma ġejtx hawn qabel?

HOFFMANN: Għax domt daqshekk imbiegħed minni?

HUWA: (Nota: *Billi l-kliem ta' HUWA, hu proża poetika u dan biex iżid il-mistiċiżmu, l-attur huwa mitlub ma jibdel ebda sillaba.)* Jien ma kont qatt imbiegħed; kont dejjem ħdejk... kont dejjem hawn ma' dwarek... waħdek qatt ma ħallejtek. Kont fil-ħsieb tiegħek dejjem, il-ħin kollu u naf li int kont tħossni, hemm, ma' ġenbek, inħares lejk, tistenna l-bewsa tiegħi... U xħin kont torqod bija quddiem wiċċek, ħaj fil-ħsieb tiegħek u fil-ħolm li toħlom xħin kont tintilef fin-nifs ħafif tiegħek u fl-isperanza... jiena kont inkun insabbar lil dawk li huma bħalek.

MONNIER: Dan il-kliem tiegħek...

SMITH: ...jien ma nistax nifhmu!

HUWA: La tfittex qatt li tifhmu! Biex tifhmu trid tkun bħali! Trid tkun għext f'din id-dinja ta' tbatija, dmugħ u mibegħda, imbagħad, bla ma tistenna, issib ruħek fi dlam li jwaħħax, waħdek... u tibda tilmaħ raġġi ta' xemx ġdida... u jibda jisbaħ, sakemm dawl li ma jistax jitfisser, jgħammixlek ħbub għajnejk... tħares ma' dwarek u tibda tara d-dmugħ jitbiddel f'hena li qatt ma ħassejt qabel u lanqas ma tkun ħsibt li tista' qatt teżisti... tara l-mibegħda tal-bnedmin tit-

biddel f'imħabba mqaddsa u tħoss li inti m'għadekx dak li kont qabel, li inti ħlist minn xi ħaġa li kienet qiegħda ttaqqlek... li int sirt eħfef minn l-istess ħsieb tiegħek... La tfittex qatt li tifhem! Inti ma tasal qatt sabiex tħoss bħali qabel ma ż-żmien ibiddlek u ssir bħali...

HOFFMANN : Mela x'ħassejt kemm ilek 'il bogħod minni?

HUWA : Kif nista' ngħid x'ħassejt? U għalfejn ingħidu? Min sejjer jifhem dak il ħassejt jiena?

MONNIER : U fejn kont f'dan iż-żmien kollu?

HUWA : Kont kullimkien u mkien! Fl-ibliet, f'irħula, fi djar ma' ħlejjaq bħalek, u waħdi fuq għoljiet fejn ma hemmx ħajja; kont ħdejn għadajjar ta' ilma qiegħed, mejjet; u kont ħdejn baħar jibla' l-art li jbażża'... U ġrejt eħfef mill-ħsieb minn tarf għall-ieħor b'nies ta' kull ġens ma' dwari li sa ftit qabel ma setgħux jiftehmu, iżda, kif saru bħali, bla ma jitkellmu, saru ħaġa waħda, iħobbu lil xulxin b'imħabba mqaddsa...

SMITH : U minn fejn kont ma ġibtli xejn b'tifkira?

HUWA : Iva, Marija... fejn waqajt għal mejjet ftit wara li tlaqt lilek, nibet dan il-peprin imsoqqi b'demmi... (*joħroġ minn ħobbu qabda peprin u, bla ma jagħtih lil ħadd minnhom, joffrihulhom b'idejh it-tnejn*) Hudu sabiex tiftakar dejjem fija u f'dawk li bħali ħallew warajhom omm, jew tifla, jew għarusa u marru biex jiġġieldu għall-ħaqq u s-sewwa! (*It-tliet nisa jieħdu minn idejh il-peprin u jressquh ma' fommhom sabiex ibusuh*). Għall-ħaqq!... Għas-sewwa!... U x'taf innies tad-dinja fuq il-ħaqq? X'taf fuq is-sewwa? Ma tafx ħlief biss il-kelma li ddawwar kif trid u jaqbel lilha. Il-ħaqq? Is-sewwa? M'humiex ta' din id-dinja żgħira u msejkna! Iżda ta' Dak!... (*jurihom il-Kruċifiss*) Ta' Dak li Fih innifsu Hu l-istess ħaqq u s-sewwa! (*lit-tliet nisa u lil ebda waħda minnhom*) Marija, mur għarkobbtejk quddiemu. Itlob għalija u għal kull min hu bħali... (*in-nisa jobdu minnu*) Hemm bosta li jeħtieġu l-ħniena Tiegħu u t-talb ta' min jixtieq jarahom fil-paċi! Itolbu... Itolbu... (*u jibqa' jgħid il-kelma* Itolbu *ma' kull pass li jagħti lura sa ma jasal bejn il-purtieri u jisparixxi*).

IT-TLIET NISA : (*B'leħen li ma jiftihemx ikunu qegħdin mitfugħa quddiem il-Kruċifiss għar-rkobbtejhom igħidu l-*Missierna li Inti, *ecc.*).

(*Wara ftit sekondi* S I P A R J U *malajr*)

jġibu x-xwieni, iżda għażel nies li ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-Ordni. Għax fuq waħda kien hemm Malti u fuq l-oħra wieħed barrani: "La Madonna di Filermo", Kaptan Grabiel Vidal, b'ekwipaġġ ta' 135; u "Sant'Orsola", Kaptan Gulјermu Lorenzi, b'ekwipaġġ ta' 136 ruħ.

Iżda issa nħalluna mill-bastimenti kursali l-oħra u nerġgħu naqbdu f'dawk it-tnejn li fuqhom trid tinbena dil-ġrajja tagħna.

L-ewwel wieħed minnhom li ħareġ idur għall-kors, kien "La Vergine del Carmine". Miegħu siefer Duminku Rodriguez. Wara xi żmien ħareġ ukoll "La Madonna del Lauro". Iżda dan il-bastiment ma damx ibaħħar wisq taħt Bartilmew Jouffret, billi dan il-Kaptan miet ma' tul il-vjaġġ. Floku laħaq Kristofanu di Giovanni, mid-Dalmazja, imlaqqam "Grillu", iżda biddar sibna li kien joqgħod f'Bormla.

"La Madonna del Lauro" ġie lura lejn Malta fid-9 ta' Awissu 1740, b'ekwipaġġ ta' 110. Iżda, billi xi wħud minn dawn spiċċalhom l-ingaġġ, 54 minnhom niżlu l-art. Il-bastiment reġa' siefer mill-ġdid għall-kors, bil-bqija li fadallu, fil-25 ta' Awissu.

Il-bastiment l-ieħor, "La Vergine del Carmine", waqt li kien qed iħuf madwar ix-xtut ta' Barberija, barra milli qabad xi rsiera li ltaqa' magħhom fuq xi bċejjeċ żgħar tal-baħar, niżżel xi nies minn tiegħu l-art, fejn ħataf oħrajn u telaq bihom, billi ssokta jbaħħar biex jara jilmaħx xi ħaġa'oħra li tgħodd għalih. Iżda, xi Griegi ta' l-ekwipaġġ tiegħu, ftiehmu bejniethom, biex jaħbtu għall-Kaptan u l-fizzjali ta' abbord, joqtluhom, jieħdu l-bastiment f'idejhom, joqogħdu jduru għall-kors bih huma u jisirqu lil dawk il-bastimenti li jiltaqgħu magħhom — ikunu ta' liema nazzjon ikunu. Imbagħad jibqgħu sejrin lejn Brazzo di Maina, fejn hemm ibigħu kulma jaqbdu u jaqsmu kollox bejniethom.

Minn jiem qabel ma kellhom iwettqu t-tixwixa li semmejna, bdew jiltaqgħu ta' sikwit flimkien f'xi rokna, biex jiftiehmu x'beħsiebhom jagħmlu, ħalli l-biċċa tirnexxi sewwa. Għal din il-ħaġa, ħatru lil wieħed minnhom, jismu Scaglia, bħala kap tagħhom.

Il-filgħaxija ta' qabel il-jum li fih kellha ssir it-taqbida, erba' mill-Griegi li kienu jafu bit-Tork, fosthom Scaglia, marru fuq xi wħud mill-irsiera li kienu marbuta fl-istiva, u, waqt li qalulhom x'kien beħsiebhom jagħmlu, stednuhom biex jieħdu sehem fit-tixwixa. It-Torok, billi ġew imwiegħda li wara jeħil-

suhom mill-jasar, qagħdu li jingħaqdu magħhom, jaqbdu l-armi u jgħinuhom fit-taqbida.

Il-Griegi, malli daħal il-lejl sewwa, inġabru fuq il-gverta flimkien, qrib il-kamra tal-Kaptan, bl-armi f'idejhom. U xi siegħa qabel tlugħ ix-xemx tat-22 ta' Awissu, 1740, waqt li "La Vergine del Carmine", bil-Bandiera ta' l-Ordni kien ibaħħar fl-inħawi ta' Kandja, wieħed mill-Griegi mar lejn il-pruwa u beda jgħanni għanja bil-Grieg. Dan kien is-sinjal. Minnufih ix-xewwiexa telgħu fuq il-gverta, xi wħud minn banda u xi wħud minn oħra, kollha bl-armi f'idejhom. Magħhom kellhom ukoll xi rsiera Torok, billi lil dawn ħallewlhom il-ktajjen li bihom kienu marbuta fl-istiva.

Ħamsa mix-xewwiexa daħlu fil-kamra tal-Kaptan, billi sabu l-bieb miftuħ. Dawn kienu: Teodoro, Dimitri Iterdopolo, Cristodoro Vutto, Alexis Rastoblo u Guzman bin Streglis.

Il-Kaptan Ġanninu Ruvero kien rieqed mimdud fuq is-sodda tiegħu. Teodoro qiegħed id waħda fuq wiċċu u bl-oħra tah daqqa ta' sikkina. Il-Kaptan stenbah malajr, qam, qabad ix-xabla u nofsu sturdut, ħareġ jiġri jitlob l-għajnuna lill-fizzjali. L-oħrajn ħarġu warajh u laħquh fejn l-arblu majjistru. Alexi u Guzman qabdu fih u bdew jagħtuh bis-skieken u l-imnanar sakemm qatluh.

Fl-istess żmien, ir-ribelli l-oħra bdew jiġru mal-gverta kollha, waqt li qagħdu wkoll jisparaw ta' sikwit mill-bokkaporti u minn taħt il-kuritur.

B'dan l-isparar riedu jbeżżgħu lin-nies ta' l-ekwipaġġ li kienu isfel, waqt li bdew igħajtu u jheddu l-mewt għal min jittarraf jitla' fuq il-gverta.

Xi wħud mix-xewwiexa kienu armati bix-xwabel, oħrajn bis-sjuf u min b'xi arma oħra, ferew u qatlu biċċa min-nies ta' l-ekwipaġġ. Imbagħad, biex jissuktaw jieħdu l-bastiment f'idejhom, ġagħlu lil dawk li fadal jinżlu fl-istiva, u l-oħrajn, li kienu jinsabu fil-kuritur, ma ħallewhomx jitilgħu mill-bokkaporti. Għal-ħekk, fuq dawn, kif ftiehmu minn qabel, qagħdu għassa ħames irsiera Torok bix-xwabel f'idejhom.

Fil-bidu tar-rewwixta, Scaglia mar fil-pruwa tal-feluka, u hemm, b'tir ta' pistola qatel lil Silvestru Leone, is-Surġent tal-bastiment. Grieg ieħor, Ciriako Melleho, imlaqqam "Magnotto", fiera għall-mewt lill-Bdott, Pawlu di Giovanni. Fil-

ħin jilħaq wieħed mill-irsiera u ssokta joqtlu bid-daqqiet ta' xabla li taħ.

Ġanni bin Stajġol, imlaqqam "Bufalo", waqt li kien fuq il-gverta, b'daqqa ta' sikkina qatel lil-kok, Nicolò Spina.

Meta x-xewwiexa sparaw mill-kuritur, laqtu wkoll lil Toni Camilleri, biċċier, li kien jinsab qrib it-tieqa ta' sieħbu.

Kemm lil Spina u kif ukoll lil Camilleri, għall-ewwel ingħad li tefgħuhom il-baħar meta kienu għadhom ħajjin. Iżda dix-xniegħa ma ġietx imwettqa, billi ġie magħruf li xeħtuhom wara li mietu.

Anġlu Santo, ħu l-Kaptan Ġanninu, waqt li kien fil-gallarija tal-poppa, Alexi spara għalih u ferieh b'tir ta' arma tan-nar, imsejjaħ trumbun. Barra minn hekk, qala' wkoll daqqa ta' xabla minn Riso. Anġlu niżel 'l isfel, fil-qiegħ tal-bastiment. Iżda meta sebaħ sewwa, Scaglia ġagħlu jitla' fuq il-gverta. U għalkemm dan Anġlu beda jitolbu bil-ħniena sabiex jaħfirlu, Scaglia ordna lill-irsiera Torok li jitfgħuh il-baħar, kif hekk dawn għamlu.

Max-xewwiexa ngħaqad wieħed Malti, jismu Ġanni Decaro, mill-Isla, imlaqqam in-"Nigru". Tawh xabla u pistola. Dan, waqt ir-rewwixta, flimkien ma' oħrajn sħabu, beda jkeċċi lin-nies 'l isfel għal ġol-bokkaport. Lil xi wħud rabathom bil-ktajjen, b'ordni ta' Scaglia, barra milli wkoll, daqqa ma' wieħed u daqqa ma' ieħor minn sħabu, beda jieħu l-ħwejjeġ u l-flus minn għand xi nies ta' l-ekwipaġġ u jżommhom għalih. Terġa', kemm bin-nhar u kif ukoll bil-lejl kien idur magħhom, biex jara humiex marbuta tajjeb, waqt li jibda jaħqarhom bil-kliem.

*(Jissokta)*

# ŻEWG FRIEFET

*Ta'* VINCENT CARUANA

*Lis-Sur Erin Serracino Inglott*
*li f'daru ġie li smajt programmi*
*ta' diski klassiċi.*

Kont marid;
Bil-kemm niflaħ
Inħarrek id;
Għajnejja msammra
Fuq raġġ tax-xemx
Li kien fil-kamra
Dieħel u jaqa'
Fuq il-madum.
Kont maħkum
Minn ħsibijiet
Ta' swied
Il-qalb.
Kont imdejjaq
Għax xtaqt li mfejjaq
Inkun mill-ġdid.

Hemm fuq is-sodda
Kont kull darba naħseb
Ħsibijiet ġodda
Li fuq ġwinħajhom
Kienu jġibuli
Dwejjaq kbir.
Moħħi kien ilsir
Ta' dal-ħsibijiet
Li serquli l-mistrieħ
Iktar mill-istess mard
Li sefa' rebbieħ
Fuq ġismi.

Dak il-ħin
Żewġ friefet sbieħ,
Ħfief daqs ir-riħ,
Ħelwin
U mlewnin,
Daħlu fil-kamra
Itiru wara xulxin.

Dawk il-friefet
Bid-dehra sabiħa
U ferrieħa
Tagħhom
Mal-kamra xerrdu
Bħal sliem
U minnha qerdu
Id-dwejjaq ħakkiem
U l-kruha
Li kienu jidhru miġmugħa
Mal-kamra kollha.

U għalkemm
Wiċċi xegħel bil-ferħ
U qalbi mtliet bis-serħ,
Fil-mera kbira
Li kelli quddiemi
Minn wiċċi dhert
Li għirt
Għalihom.
Ħassejtni ngħir
Li nara ħolqien żgħir
Fuq ruħu jittajjar

U lili jxennaq u jħajjar
Biex ingawdi l-beraħ,
L-għelieqi u l-ajru
Fejn il-friefet
Bla xkiel jittajru,
Fil-waqt li jiena,
Ix-xorti bla ħniena

Tefgħetni f'qiegħ
Ta' sodda
Nistrieħ bla mistrieħ.

Iva,
Għirt għalihom
U fraħt bihom
Fl-istess ħin.

Wara li kienu mal-kamra
Daru ftit
B'dak it-taħbit
Bil-kemm jinstema'
Ta' ġwinħajhom,
Reġgħu minn rajhom
Taru kollhom ħeġġa
U b'ġirja ta' vleġġa
'Il barra mit-tieqa
Għall-arja mixtieqa
Li barra kienet tistenniehom.
Marru!
Telquni!
Ħallewni!

Kif telqu
Il-kamra reġgħet libset
Ix-xeħta ta' qabar
Li qabel kellha
U fl-irkejjen reġa' nġabar
Ix-xebh ta' ċella
Li jien stħajjilt f'kamarti
Ma' tul il-marda,
Għaliex il-kamra kienet
Qisha ċkienet
Fid-daqs quddiem għajnejja.

Mit-tieqa 'l barra rajthom
Jogħlew u jitbiegħdu
Bi ġwinħajhom jitriegħdu;
Imbagħad għajnejja teptipthom
U xħin ftaħthom
Ma rġajtx sibthom
Quddiem għajnejja.

U f'qalbi
Staqsejthom biex
Jgħiduli għaliex
Ġew
Biex għamluni ftit hieni,
U reġgħu hekk kmieni
Tefgħuni fl-imrar
Li kien isaltan madwar
Soddti w qalbi.

30. 11. 50.

## IĊ-ĊAGĦKA

*Ta'* Ġużè' Borg

Diċ-ċagħka iebsa
Ġe' qiegħ idejja,
Taf minn fejn ġejja?
Mill-baħar, Pin;
    Ilha titliegħeb
    Mal-mewġiet sewwa,
    U dawn ġarrewha
    Għal bosta snin.

Ġe' qiegħ il-baħar,
Bint blata tqila
Fejn kienet ilha,
Rat bosta ħut;
    Hemm ġriet u tgerbet
    B'qawwiet il-baħar,
    Li dan jiftaħar
    Jagħleb ix-xtut!

Kemm rat fix-xefaq
Ġe' l-lvant ħamrani
Jidher bajdani
L-wiċċ kbir tax-xemx;
    U sħab dehbieni
    Imewweġ fl-ilma,
    U jibqa' jilma
    Jekk ma jintemmx.

Imbagħad id-dgħajjes
B'lenez u mtielaq,
Nases u ġwielaq
Għas-sajd sejrin;
    Wara, s-sajjieda
    Irġiel felħana,
    Jaqdfu ferħana
    Lura ġejjin.

Qatt ma rat mgħażqa,
Serrieq, inkwina,
Xifa, sikkina,
Jew xi lembut;
    U lanqas kotba,
    Arpi, kuluri,
    Skriepel, muturi
    Jew xi tebut.

Daqqa nġazzata,
Oħra mikwija,
Dejjem minsija,
Ma jfittxha ħadd;
    Malli x-xemx tinżel
    Minn fuq il-baħar,
    Tidħak lill-qamar,
    Minn ħdejn ix-xatt.

Taf lill-Feniċi,
'L Atene u Ruma,
Rathom maħkuma
Miż-żmien li mar;
    Rat l-iġfien Torok
    Jeħduha magħna,
    W għad li setgħana,
    Igħibu bħaċ-ċpar!

Ġnus taf bil-bosta—
Għorrief, għalliema,
Beżlin, ħakkiema
Li kienu żgħar;
    Oħrajn taf ġwejjef,
    Dgħajfin, biċċiera,
    Jaqgħu ilsiera
    Ta' oħrajn kbar.

Għalkemm il-bniedem
Ikun wisq xwejjaħ,
Din, lilu ssejjaħ
B'wieħed miż-żgħar;

Lil ħutha l-kwiekeb,
Ix-xemx u l-qamar,
L-ajru wil-baħar,
Biss tagħraf kbar.

'Ma ż-żmien għad jibdlek,
Ja ċagħka xiħa;
U għalkemm int sħiħa,
Ramel issir;
Fdalek jitħallat
Ma' ta' ċagħak ieħor,
Bħar-rmied ħaddieħor
Ma' fdali u l-ġir!

## WARDA MIDBIELA

*Ta'* C. GAUCI

*Lill-maħbub Direttur ta' "Il-Malti"*
*Professur Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.*

Werqietek imdendlin, rasek imgħaddsa
Milwija tnejn, ħarstek lejn l-art mitfugħa;
Il-fwieħa minnek għebet, bdejt titfarfar
Spiċċat minn fuqek il-kburija... l-bluha.

Kemm kont sabiħa mita dħalt fil-ġnejna!
Rajtek fuq tiegħek u tgħaxxaqt b'kulurek;
Lilek għażilt minn kemm kien hemm miftuħa
Minn kollox tidher kont tisboq lil ħutek.

Ma ngħoddx kemm kienu dawk illi għoġobthom
Min fil-kulur, min fl-għamla, fil-kburija;
Ma' tul it-triq kulħadd idawwar ħarstu,
Għajnejh ipaxxi, jroddlok kull foħrija.

U issa x'baqa' minnek fjura mċajpra?
Kien żmien li kont iżżejjen xi vetrina;
Il-lum kulħadd iwarrbek, riħtek t'oqbra,
Mirfusa mis-saqajn taħt xi bankina.

Kemm tixbah warda 'l dik ix-xbejba mfarfra
Maqtugħa friska friska minn djul ommha;
Kulħadd jitpaxxa għall-bidu jħares lejha,
Jitgħaxxaq biha hekk kif tiftaħ fommha.

'Ma ż-żmien minn fuqha jgħaddi, u bħall-warda
Ħarsitha titfa' għall-art, tispiċċa l-bluha...
Mill-kulur tinża' w minnha tgħib il-fwieħa,
Jintilef dak il-ġmiel... titfaċċa l-kruha.

# It-Tfajla tas-Sulfarini*

*Ta'* Albert M. Cassola

KIEN bard tal-biża'; kienet nieżla ħafna borra u kien għoddu dalam; il-lejla—l-aħħar lejla tas-sena—kienet riesqa. Iżda, minkejja dak il-bard u d-dlam kollu, tfajla fqira, xuxa u ħafja, kienet għadha qiegħda tiġġerra mat-toroq.

Meta telqet mid-dar hija kienet liebsa papoċċ, imma kien jiġiha hekk kbir—billi kien il-papoċċ ta' ommha—li ħarġilha minn saqajha x'ħin qasmet it-triq tiġri kemm tiflaħ biex tiskarta żewġ karrozzi. Papoċċa waħda ma setgħetx issibha; l-oħra ħatafhielha daqsxejn ta' tfajjel li ħarab biha bil-ħsieb li jagħmilha benniena tal-pupi.

Għaldaqstant it-tfajla kompliet timxi ħafja, b'saqajha ħomor u koħol bil-bard. F'idejha kellha pakkett żgħir bis-sulfarini, u kellha ħafna oħrajn fil-fardal imċarrat tagħha. Il-ġurnata kollha kemm hi twila lanqas ħadd ma xtralha pakkett wieħed biss—ħadd ma kien qallagħha sold. Tirtriegħed bil-bard u bil-ġuħ hija baqgħet tkaxkar, qisha x-xbieha tan-niket—imsejkna tfajla!

Il-borra bdiet nieżla fuq ix-xagħar twil u mdieheb tagħha li kien jaqgħalha fuq spallejha b'nokkli l-ġmiel tagħhom; iżda hi ma kinitx moħħha fi sbuħitha, u lanqas ma qagħdet taħseb fil-bard. Fit-twieqi kollha kienu jidhru dwal inemnmu, u mid-djar bdiet ħierġa riħa taqsam ta' wiżż mixwi; kienet lejlet l-Ewwel tas-Sena, u hija bdiet taħseb fuq hekk.

Tgeddset bil-qiegħda f'rokna bejn żewġt idjar, waħda aktar 'il barra minn l-oħra, u bdiet tiġbed taħtha s-saqajn ċkejknin tagħha, imma kollu għalxejn—ma setgħetx issaħħanhom. Ma ssogratx tmur lejn darha; sulfarini ma kienet biegħet xejn, ma qalgħet l-ebda sold, u beżgħet li forsi missierha kien sa jsawwatha. Barra minn hekk, f'darha tista' tgħid li kien bard daqs barra t-triq, għax darha ma kinitx ħlief il-kmajra tal-bejt; u għalkemm l-ikbar xaqq fost il-ħafna li kien hemm fis-saqaf kien misdud bit-tiben u ċ-ċraret, ir-riħ u l-borra ħafna drabi kienu jinfdu minnu.

* Traduzzjoni tal-versjoni Ingliża "The Little Match-Girl" li h maqluba mill-oriġinal ta' *Hans Andersen* u pubblikata ma' *Fairy Tales* oħrajn fil-*Library of Classics, London and Glasgow, Collins Clear-Type Press.*

Idejha kienu għoddhom ibbisulha bil-bard; daqsxejn ta' sulfarina mill-pakkett li kellha forsi kienet tkun biżżejjed biex issaħħanhomlha, kieku kellha l-ħila tixgħelha. Harġet waħda u qabbditha mal-ħajt. Tajjeb wisq! għax għamlet fjamma sabiħa u sħuna, u hija żammet idejha fuqha. Għal dik l-imsejkna tfajla dak in-nar kien qisu mixegħla sħiħa; x'jiena ngħid? kienet aktarx qisu dawk tas-sharijet, għax hi bdiet tistħajjilha qiegħda quddiem ċumnija kbira tal-ħadid imżejna bix-xarbitelli tar-ram, tant beda jfernaq dak in-nar! It-tfajla stirat riġlejha ħalli ssaħħanhom ukoll. Imma jaħasra f'daqqa waħda l-fjamma ntfiet; iċ-ċumnija għabet; it-tfajla baqgħet fil-bard u bla faraġ, bis-sulfarina maħruqa f'idha.

Reġgħet qabbdet sulfarina oħra mal-ħajt; din ferqnet u lellxet, u kull fejn bdiet tixħet id-dawl tagħha, il-ħajt beda jsir trasparenti daqs velu; it-tfajla setgħet tara x'hemm ġol-kamra. Rat il-mejda mħejjija bi tvalja tad-damask abjad silġ u fuqha kienu jleqqu l-platti tax-xaqquf. Il-wiżża mixwija u mimlija bit-tuffieħ u bil-pruna kienet f'tarf il-mejda, bid-duħħan ħiereġ minnha, u—l-isbaħ ħaġa fost kollox—il-wiżża, bis-sikkina u l-furketta mdeffsin f'sidirha, qabżet mid-dixx għal isfel u bdiet timxi fl-art sakemm waslet ħdejn it-tfajla.

Is-sulfarina nħliet, u t-tfajla reġgħet sabet ruħha quddiem il-ħajt oħxon u iebes.

Qabbdet it-tielet sulfarina. U mill-ġdid ferqnet il-fjamma; u hija issa sabet ruħha taħt siġra tal-Milied mill-isbaħ, wisq akbar u mżejna wisq iżjed ħelu minn dik li kienet rat lejlet l-aħħar Milied mill-bieb taż-żġieġ tad-dar ta' wieħed negozjant għani. Mijiet ta' xemgħat irqaq dawlu l-friegħi ħodor, u xbihat ċkejkna miżbugħin, bħal dawk li kienet rat fil-vetrina tal-ħwienet, bdew iħarsu lejha minn fuq is-siġra.

It-tfajla ssaħħret u ħarġet idejha bħal biex taqbadhom imma f'dak il-waqt id-dawl tas-sulfarina ntefa; madankollu x-xemgħat tal-Milied baqgħu jaqbdu dejjem aktar. Rathom jilmaw qishom kwiekeb tas-sema; waħda minnhom waqgħet, u d-dawl li ħalliet warajha kien qisu denb twil tan-nar.

"Dal-ħin xi ħadd qiegħed imut", lissnet it-tfajla; għax ixxwejħa nannitha—il-bniedma waħdanija li kienet iġġibha, u li issa kienet mejta—kienet qaltilha li kull meta taqa' kewkba jkun hemm ruħ li tmur lura għand Alla li ħalaqha. Raġgħet għal darba oħra qabbdet sulfarina mal-ħajt; xegħlet vampa waħda u,

imdawra b'dak id-dawl, dehritilha dik il-għażiża nanna nnifisha, ħelwa u twajba bħal dejjem, iżda ferħana u hienja iżjed milli qatt kienet f'ħajjitha.

"Nanna!" għajtet it-tfajla. "Ħudni miegħek, jaħasra! Jiena naf li inti tħallini malli s-sulfarina tintefa; inti tgħib bħalma għeb in-nar jaħraq taċ-ċumnija, bħall-festa mill-isbaħ tas-Sena l-Ġdida, bħas-siġra sabiħa u kbira tal-Milied"; u fittxet xegħlet il-bqija tas-sulfarini li kellha fil-pakkett biex ma tħallix lil nannitha tgħib.

U s-sulfarini qabdu ħuġġieġa nar hekk qawwija li nofs in-nhar mhux żgur sata' jkun iżjed mudwal. Qatt qabel ix-xwejħa nanna ma kienet dehret hekk twila u fuq tagħha, hekk sabiħa u ħelwa; għannqet lit-tfajla ċkejkna u taru t-tnejn flimkien. Hienja u ferħana huma taru—fil-għoli, fil-għoli, sakemm waslu f'dak l-imkien fejn ħadd ma jaf x'jiġifieri bard, ġuħ jew uġigħ. Sabu ruħhom fil-Ġenna.

Iżda fil-kesħa tal-għodwa, imgeddsa taħt il-ħajt instabet l-imsejkna tfajla — ħaddejha jleqqu, xofftejha jitbissmu — mejta mirżuħa bil-bard fl-aħħar lejl tas-Sena l-Qadima. Ix-xemx tas-Sena l-Ġdida sirġet fuq it-tfajla bla ħajja; bla ma titħarrek, hija baqgħet hemm bis-sulfarini f'ħoġorha, b'wieħed mill-pakketti maħruq għal kollox.

"Fittxet li tisħon, miskina!", qalu n-nies; iżda ħadd ma kien jaf liema dehriet sbieħ kieet rat, jew f'liema hena hija u nannitha kienu qegħdin igħaddu l-festa tas-Sena l-Ġdida.

## L-AĦĦAR TRADUZZJONI

## TA' MAY BUTCHER QABEL MA MIETET

Inġibu hawn taħt l-aħħar versi li Miss May Butcher ittraduċiet mill-Malti għall-Ingliż. L-oriġinal jidher fil-ktieb tal-Membru Akkademiku tal-Għaqda s-sur Albert M. Cassola "Ġabra ta' Ġawhar" (Ed. Giov. Muscat) taħt l-isem ta' "Innu Nazzjonali". Dana l-Innu ġie mużikat mill-Maestro Alberto Caruana li, appuntu, talab imbagħad lil Miss Butcher tagħmillu versjoni Ingliża. Miss Butcher kitbet ukoll l-introduzzjoni għall-grammatika ta' Cassola "Maltese in Easy Stages" u lil dan l-awtur għażlitu biex jirrivedi magħha l-Pocket Dictionary li kien bi ħsiebha toħroġ, kif ukoll il-versjoni Maltija ta' "Emil", ktieb Tedesk ta' letteratura għat-tfal.

### HYMN TO THE HEROES OF MALTA

Island, famous
for doings heroical;
Island, blest
by the All-Holy God.
Land, baptized
in the fire that purifies;
Land that suffered
the horrors war wrought.

Who build the race
to fill their place,
they cry Thee: HAIL!
Thou who shalt rest,
for ever blest,
in God's Great Thougnt!

# REĊENSJONIJIET

**"IL-WIEĦED U ĦAMSIN"** — Rumanz ta' Dun Anton Xiberras. Opri Missjunarji Pontifiċji. — Malta, 1951. Paġ. 76.

Dan hu rumanz gustuż ħafna, fih l-elementi kollha li jinħtieġu biex biċċa xogħol bħal din tirnexxi u tingħoġob: storja, azzjoni u tensjoni.

L-awtur jidher li interessa ruħu fix-xogħol tiegħu u fittex li joħloqmu u jżejnu ħalli jingħoġob minn kulħadd. Hu qagħad attent mhux biss għall-istorja imma wkoll biex ikun eżatt fid-deskrizzjoni tiegħu u biex jagħti ħjiel tal-karattri tal-persunaġġi. Laqatna wkoll il-mod kif l-awtur jinseġ fil-ġrajja tiegħu ċirkustanzi mill-ħajja komuni tal-pajjiż li fih seħħu dawk il-ġrajja.

Forsi l-awtur għadu ma kisebx dik il-ħeffa fir-rakkontar li għandhom kittieba ta' karriera, iżda xi deskrizzjonijiet tiegħu huma maqlugħin b'sengħa kbira. It-taqbida bejn in-nies tal-Mandarin u dawk tal-Kap tal-Pirati, hi miġbuda ħajja u ħarkiena kemm tista' tkun; hekk ukoll id-deskrizzjoni tal-ħabs u tal-Magħmudija f'dak il-post ta' tbatija, hi biċċa xogħol li tmiss il-qalb. Bħal dawn hemm deskrizzjonijiet oħra kollha ħajja u ġmiel.

Il-karattri maqlugħin tajjeb kemm jista' jkun. Il-ġeneral Hoken, il-Mandarin, il-qaddejja Gunda, is-saħħara Wigunna huma persunaġġi li l-awtur iqegħidhomlna quddiem għajnejna qishom jitħarrku, iżda l-karattru ta' Paojen jisboq lil kollha għall-ħlewwa u l-ġenjalità tegħu. Il-qarrej iħoss ruħu miġbud lejn dak iż-żagħżugħ ilsir ta' qalb tajba u ruħ safja li fl-aħħar isir qassis missjunarju mimli ħeġġa u ħrara biex jagħmel ġid lil għajru.

Jalla jkollna aktar minn din il-għamla ta' rumanzi, għax jagħmlu ġid lill-poplu u jsaħħu l-letteratura tagħna. G.

**"MALTESE CUSTOMS AND BELIEFS".** — Minn J. Cassar Pullicino. Estratt minn "Folklore", Volume LXII, Settembru, 1951.

Dan hu ktejjeb żgħir iżda ta' studju kbir, u jidher li nkiteb wara tiftix u taqlib f'manuskritti u dokumenti qodma. L-awtur għandu sengħa biex ifittex kitba qadima u jagħżel minnha dak il-materjal li jiswa għax-xogħol li jkun indaħal għalih. Dan mhux l-istudjużi kollha jafu jagħmluh, għax bosta minnhom jiġbru kulma jiltaqgħu miegħu u jistampawh bla ma jqisu jekk ikunx igħodd għall-iskop tagħhom.

Din il-biċċa xogħol hija interessanti ħafna u tiswa mhux biss bħala kontribut għall-istorja, iżda wkoll bħala dokument fuq drawwiet qodma Maltin li l-lum għoddhom intemmu. Għidna għoddhom intemmu, għax xi wħud minnhom għadhom ma nqerdux għal kollox.

Hu ta' interess kbir it-tagħrif li l-awtur jagħti fuq drawwiet u kostumi qodma, speċjalment seħrijiet u magħmulijiet; dawn l-aktar li jissemmew fost in-Naxxarin, donnu hemm kienu jgħammru l-aqwa saħħarin.

Ħaġa oħra li laqtitna hu l-fatt li kienu jinqdew b'xi kitbiet biex jagħmlu xi magħmul. Ta' min wieħed ifittex sewwa biex jara dawk il-kitbiet kenux bil-Malti jew b'xi lsien barrani; jien naħseb li kienu bl-ilsien tagħna.

Żewġ osservazzjonijiet li nixtieq inżid huma: l-ewwel id-drawwa li għadha teżisti sal-lum li nhar Sant'Elija fil-Knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina, il-patrijiet ipoġġu kitla ilma ħdejn il-bieb biex jixorbu minnu t-tfal morda bid-deni, għax igħidu li dak l-ilma jfejjaq mid-deni. It-tieni osservazzjoni dwar il-festi li, kif jikteb l-awtur, kienu jsiru fil-knejjes b'għana u daqq mill-poplu; dawn il-festi l-lum inqerdu, iżda m'ilux wisq, fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Qasgħa, ħdejn Għeriexen, lejlet il-festa kienu jiltaqgħu ħafna żgħażagħ, xebbiet u ġuvintur, u jdumu lejla sħiħa jgħannu u jdoqqu.

L-awtur semma wkoll lil San Nikola; dan il-Qaddis iġib ix-xorti, iżda mhux lil kulħadd iġibhielu għal qalbu. Fl-irħula tagħna għadek tisma' min igħannihielu lil San Nikola:

*San Nikola tal-vinturi*
*Tlabtu waħda, tani tnejn:*
*Waħda zoppa, l-oħra għamja*
*It-tnejn ma jiswew xejn!*

Biċċa xogħol bħal din tiswa għax titfa' dawl fuq il-ħajja ta' missirijietna u nittamaw li l-awtur jissokta jikteb fuq hekk. G.

**FESTA TA' KRISTU RE 1951.** — Diskors mill-W.R. Patri Lettur Akkursju Xerri, O.F.M., nhar il-Festa ta' Kristu Re, 1951. Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp, Ħamrun.

L-oratorija sagra hi suġġett li bih jinqdew in-nies tal-Knisja biex isemmgħu l-leħen tagħhom, u għalkemm hu ta' ħtieġa kbira u f'Malta jużawh tista' tgħid kuljum, ftit wisq huma l-qassisin u l-patrijiet li studjawh sewwa u ikkultivawh. Tassew li biex wieħed jitkellem tajjeb irid ikollu xejra naturali għalhekk, iżda bi studju serju wieħed jista' jidra jagħmel taħdita bil-għaqal li tingħoġob u li tqanqal lil min jismagħha, bħal dawk li jagħmel Patri Akkursju Xerri.

Patri Akkursju l-lum għamel isem bħala oratur mill-aqwa li qatt kellha l-Gżira tagħna; il-kelma tiegħu hi mfittxa u għandha l-qawwa li tqanqal il-qlub, tħeġġeġ l-erwieħ, u tiġbed eluf ta' nies biex imorru jitpaxxew biha; xhieda ta' dan huma dawk il-ħlejjaq li marru jisimgħu d-diskors li hu għamel fil-misraħ tal-Furjana, għall-festa ta' Kristu Re, din is-sena.

Aħna li smajna dan id-diskors ta' Patri Akkursju bqajna mgħaxxqin bil-qawwa u l-ħlewwa tal-kliem li nqeda bih, iżda wkoll bqajna mgħaġġbin bil-manjera kif l-oratur żviluppa t-tema tiegħu, tema li jħaddan riflessjonijiet filosofiċi l-aktar għolja u kwistjonijiet soċjali l-aktar urġenti. Patri Xerri ma żammx biss fuq l-iskop li għalih twaqqfet il-festa ta'

Kristu Re, iżda nqeda b'din l-okkażjoni biex jiftħilna għajnejna u jġagħilna "nikkooperaw għat-twaqqif mill-ġdid tas-saltna ta' Kristu fid-dinja".

Dan jista' jseħħ biss jekk kull wieħed minna jagħmel il-parti tiegħu bil-ħrara u jħabrek bil-ħeġġa kollha; fi ftit kliem "il-Fidi tagħna għandha tkun ħajja fina mhux biss, imma għandna wkoll inkunu appostli tagħha". Għandna nsiru appostli biex nirriformaw il-ħajja tagħna, il-familja tagħna u s-soċjetà tagħna. "Niftakru li l-kwistjoni soċjali mhux biss hija kwistjoni morali"; igħidilna Patri Akkursju, u minnufih iżid jagħti raġunijiet għal din il-fehma tiegħu.

F'dan id-diskors ta' Patri Akkursju wieħed isib, biex ingħid hekk, sistema ta' ħajja mibnija fuq prinċipji morali u soċjali li jgħoddu għal kull nisrani li jrid igħix kif titlob il-liġi t'Alla. Jalla kull wieħed minna jaqra dan id-diskors u jinqeda bih bħala mera għall-ġid tiegħu nnifsu u ta' għajru.

Dan hu ktejjeb żgħir, iżda jibqa' bħala dokument ta' siwi kbir fuq il-kwistjoni soċjali ta' żmienna, u fuq kollox jirfed mhux ftit il-letteratura oratorika Maltija.

G.

**"SANT ANTNIN TA' PADOVA".** — Tal-Professur Dun Pawl Tabone. Giov. Muscat, Malta. 1951.

Din hi t-tielet edizzjoni ta' dan il-ktieb li kellu suċċess kbir fost id-devoti Maltin. Dan is-suċċess ma hux ġej biss mid-devozzjoni kbira li hawn lejn il-Qaddis Tawmaturgu, iżda wkoll mill-mod u l-manjera li hu miktub.

Il-Professur Dun Pawl Tabone l-lum hu magħruf bħala wieħed mill-aħjar kittieba Maltin; l-istil tiegħu mhux rakkontiv biss, iżda għalliem ukoll u għalhekk il-qarrejja barra li jieħdu pjaċir bl-istorja, jitgħallmu xi ħaġa u jiftħu moħħhom b'dak li jaqraw.

F'dak il-ktieb l-awtur jirrakkonta mhux biss il-ħajja mirakoluża ta' Sant Antnin, iżda jżewwaq din il-ħajja b'ħafna riflessjonijiet dwar il-provvidenza, il-karità, id-duttrina u l-eżempju, u min jaqrahom u jixtarrhom sewwa għandu jagħmel ġid kbir lil ruħu.

Kotba bijografiċi ftit għandna bil-Malti, għalhekk aħna ma nonqsux li nieħdu pjaċir b'opra bħal din u fl-istess ħin nixtiequ nħajru 'l-awtur biex jikteb oħrajn ta' din il-għamla.

G.

# WERREJ TAS-SENA 1951


facċ.

**Abela, Ġużi**
*Misterju* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 70
**Agius, Dr. E., B.Sc., M.D., D.P.H., D.Bact. (Lond.)**
*Atomi u Nies* ... ... ... ... ... ... ... ... 5
**Agius, M.**
*Lir-Rivista Tagħna "Il-Malti"* ... ... ... ... ... 27
*Misserijietna* ... ... ... ... ... ... ... ... 92
**Agius Bonello, Ġużè**
*Alla fil-Ħolqien* ... ... ... ... ... ... ... ... 103
**Apap, Vic**
Li Tiżra' Taħsad ... ... ... ... ... ... ... ... 105
**Azzopardi, Ġeraldu**
Ġirien Marju ... ... ... ... ... ... ... ... 88
**Barbara, Patri Val. V. Barbara, O.P.**
Siltiet minn "Il-Ħabs Tiegħi" ta' Silvio Pellico ... ... ... 15
*Lill-Kewkba Żahrija* ... ... ... ... ... ... ... 76
*Innu tat-Tfal tad-Duttrina* ... ... ... ... ... ... 89
**Borg, Ġużè**
*Iċ-Ċagħka* ... .. ... ... ... ... ... ... ... 118
**Busuttil, Kapt. J.E.**
Dawk il-Ġarar tal-Brandy ... ... ... ... ... ... 78
**Butcher, May**
*Leġġenda* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 87
*Hymn to the Heroes of Malta* ... ... ... ... ... ... 123
**Buttigieg, Dr. Anton, B.A., LL.D.**
*Fir-Razzett ta' Katarin* ... ... ... ... ... ... ... 93
**Camilleri, Dun Frans**
*...U l-Art Titkellem* ... ... ... ... ... ... ... 13
*Lill-Madonna tat-Taraġ* ... ... ... ... ... ... ... 81
**Caruana, Vincent**
*Marida* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 80
*Żewġ Briefet* ... ... ... ... ... ... ... ... 116
**Cassola, Albert M.**
It-Tfajla tas-Sulfarini ... ... ... ... ... ... ... 120
**Cauchi, Mons. Dun Pawl**
*Lil Anton Buttigieg* ... ... ... ... ... ... ... 90
**Chetcuti, Ġużè**
*Maskarata* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 68
**Cremona, A.**
*Oqbra Minsija* ... ... ... ... ... ... ... ... 22
Noti Grammatikali ... ... ... ... ... ... ... ... 24
Osservazzjonijiet u Kommenti Grammatikali ... ... ... 60
May Butcher u l-ħidma tagħha għall-Malti ... ... ... ... 82
**Dimech DeBono, Ġuż.**
Dwar l-Istorja tal-Ferrovija ... ... ... ... ... ... 37

facċ.

**Editur**
Esibizzjonijiet ta' l-Arti ... ... ... ... ... ... 3
Għall-Istorja ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... 33
Malta u l-Kongressi Internazzjonali ... ... ... ... ... 65
Il-"Għaqda" Tagħna u ż-Żgħażagħ ... ... ... ... ... 97

**Ellul-Mercer, Ġ., M.L.A.**
*Għajnejn Saħħara* ... ... ... ... ... ... ... 23
Is-Sena u l-Bniedem ... ... ... ... ... ... ... 104

**Farrugia Bonnici, Lino, Ph.C.**
*Taħt l-Anestetiku* ... ... ... ... ... ... ... 36

**Friggieri, J.C.**
*Lil Hija Salvu* ... ... ... ... ... ... ... ... 9

**Galea, Dr. Ġużè, M.B.E., M.D., D.P.H.**
Il-Kultura ... ... ... ... ... ... ... ... ... 99

**Galea, Jos.**
Il-Mużew tal-Qdumijiet ta' Malta ... ... ... ... ... 71

**Gatt, Ġużè**
Il-Ħidma fl-Istamperija ta' l-Ordni ... ... ... ... ... 42
Tixwixa fuq Bastiment Kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni ... ... 110

**Cauchi, C.**
*Għeluq is-Sena mill-Mewt ta' Missieri* ... ... ... ... 88
*Warda Midbiela* ... ... ... ... ... ... ... ... 119

**Gulia, Wallace, B.A., B.Sc., Ph.C., D.P.A.**
*Ħġejjeġ* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 68

**Karm, Dun**
Innu tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija ... ... ... ... 67

**Reċensjonijiet** ... ... ... ... ... ... ... 28-62-94-124

**Sciberras, John**
*Lil Mary Meylak* ... ... ... ... ... ... ... ... 14

**Ungaro, Vincent**
*Lil Ommi* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 93

**Zarb Adami, G.**
Il-Ħajja Kulturali Maltija ta' Żmienna ... ... ... ... 10

**SUPPLIMENTI:**

**Attard Montalto, Ġ.**
Qalb Sinċiera ma Teqdiemx ... ... ... ... ... Marzu

**Muscat-Azzopardi, Ivo, P.L.**
Meta Jdur ir-Riħ ... ... ... ... ... ... Ġunju

**Clews, Charles D.**
Dar Fuq ir-Ramel ... ... ... ... ... ... Settembru

**Muscat-Azzopardi, Gino**
Huwa ... ... ... ... ... ... ... ... Diċembru

JINBIEGH 1/-.

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona.
53, Triq Wara Santa Ubaldeska, Paula.

AMMINISTRATUR: Victor Apap.
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil:
Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

IL-ĊWIENAH TAS-SNIN
GHADDEW MINN FUQ "IL-MALTI" TAL-"GHAQDA"
U KINSU MA' L-IRWIEFEN TAL-MEWT
LIL XI BENNEJJA TAGHHA U LIL XI WLIEDHA WKOLL
IŻDA HU BAQA' KULL SENA
BIS-SAQAJN SHAH FUQ IS-SIES QAWWI LI WAQQFULHA
DAWK IL-BENNEJJA U DAWK ULIEDHA
BIS-SLIEM TAL-MILIED IL-HIENI
U BIR-RISQ TAS-SENA L-ĠDIDA
IX-XEMX MALTIJA LI TIDDI FUQHA
HALLIETHA TGHIX GHAL DEJJEM
BID-DAWL U L-QAWWA
TA' SAHHITHA.
JALLA S-SLIEM U R-RISQ TA' "IL-MALTI"
IKUNU WKOLL FUQ L-IMSEHBIN TIEGHU.